NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# L-ANZJANI LLUM

Nru. 93 Jannar - Marzu 2019




## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

### *KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI*

**SER TINŻAMM IS-SIBT 16 TA' MARZU 2019**
**L-ISTITUT KATTOLIKU, IL-FURJANA**
**FID-9:00 am**

***L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU***

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) żamm b'suċċess *Konferenza Nazzjonali* ta' nofs ta' nhar fl-Istitut Kattoliku l-Furjana, nhar is-Sibt, 29 ta' Settembru 2018. Is-suġġett kien; *"Anzjani: Ġustizzja Soċjali jew Esklużjoni?"***



Il-President tal-Kunsill, is-Sur Anthony Mulè Stagno ta merħba lil dawk preżenti u stieden lis-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, l-Onor. Anthony Agius Decelis, biex jagħmel id-diskors tal-ftuħ. Dan spjega l-ħidma tal-Gvern favur il-ġustizzja soċjali rigward l-anzjani u kien segwit mill-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Akkomodazzjoni Soċjali, il-Ġlieda Kontra l-Faqar, is-Solitudni u l-Esklużjoni Soċjali, l-Onor. Ivan Bartolo, li tkellem kif jaħsiba dwar l-esklużjoni.

Il-kelliema l-oħrajn kienu; il-Prof. Marvin Formosa, Kap tal-Ġerontologia fl-Università ta' Malta li ntroduċa s-suġġett, Is-Sur. Carmel Mallia, President tal-Alleanza ta' Organizazzjonijiet tal-Pensjonanti li tkellem dwar is-Sostenibilita` u Adekwatezza tal-Pensjoniji tal-Istat, Is-Sur. Etienne Caruana, Direttur Ġenerali tal-NSO, li tkellem dwar l-Anzjani u l-Istatistika u s-Sur. Anthony Gatt, Direttur ta' Caritas Malta, dwar ir-Riskju ta' Esklużjoni għall-Anzjani. Wara kien hemm diskussjoni miftuħa għall-pubbliku.

Il-President tal-Kunsill għamel id-diskors tal-għeluq, fejn wera s-sodisfazzjon tiegħu għas-suċċess tal-konferenza u rringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex dan seħħ. Huwa stieden ukoll lil dawk preżenti biex jibagħtu iżjed kummenti lill-Kunsill u jistennew li jaraw ir-rapport tal-konferenza fuq il-websajt tal-għaqda www.kna.org.mt.

Wara li ntemmet il-konferenza kienu ħafna minn dawk preżenti li ferħu lill-membri tal-Kunsill għall-konferenza informattiva u interessanti.



**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Disabilita' u Anzjanita' Attiva, organizzaw *Wirja ta' Arti u Artiġjanat* ġewwa Palazzo Ferreria,Triq ir-Repubblika, il-Belt – Valletta.**

Nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru sar il-ftuħ uffiċjali b'diskors qasir tal-President tal-KNA, is-sur Anthony Mulè Stagno, fejn wera sodisfazzjon li l-Kunsill wasal biex jorganizza din il-wirja u rringrazzja lil kull min ta sehemu biex din il-wirja tkun suċċess, fosthom il-Kumitat Organizzattiv, il-Kunsill kollu, inkluża s-segretarja amministrattiva li, qal, "ħadmet aktar mill-Kunsill kollu f'daqqa", il-Ministeru tal-Familja u s-Segretarjat Parlamentari għal Anzjanità Attiva li tawna l-post u ħafna mill-apparat bżonjuż, lill-akbar sponsor, wara l-Ministeru, Allied Consultants Ltd li silfuna t-televixin, u ppreparawlna l-posters u r-riklamar minajr spejjes u fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, lill-esibituri li minajrhom din il-wirja żgur ma setgħetx issir.

Wara taw diskorsi qosra s-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Ministru, l-Onor. Michael Falzon li ddikjara l-wirja miftuħa.

Il-President tal-KNA imbgħad dawwarhom mal-wirja fejn setgħu jammiraw firxa sabiħa ta' Arti, minn Pitturi sa skulturi u anki kotba u Artiġġjanat minn arloġġ tal-lira sa *knitting*, kollha minn anzjani.

Il-Wirja damet miftuħa sas-Sibt 17 ta' Novembru u l-attendenza tal-publiku kienet numeruża, anki bi gruppi ta' turisti u nnutajna nies mill-Ingilterra, l-Awstralja, l-Italja, l-Ġermanja u saħansitra mill-Ġappun.







**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno

**Proof Reader:**
Renee Laiviera

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Saviour Attard

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarju:**
Maurice DeGaetano

**Teżorier:**
Adrian Cutajar

**Ass. Teżorier:**
Godwin Micallef

**Segretarju Internazzjonali u PRO:**
Peter Paul Bonnici

**Membri:**
Doris Aquilina
John P. Bonnici
Lino Debono
Dr. Anthony De Giovanni
Mary Ann Mizzi
Carmelo Sammut
Andrew Caruana Co-Opted

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ftit ilu kelli kustjoni mhux mixtieqa ma' wieħed mill-ġirien tiegħi. Ħeqq, m'hemmx x'tagħmel. Ngħid għalija, kieku jien ma xtaqtx li l-affari tasal safejn waslet imma n-nies mhux dejjem ikunu disposti jħalluk kwiet. Qal li lqattlu l-karozza tat-tifel. Tellgħani l-Qorti tarax! Ngħid is-sew li, xħin irċevejt il-karta uffiċjali biex tavżani meta u fejn kelli nidher, ippanikjajt xi ftit għax il-Qorti qatt ma kont dħalt qabel. Għamilt nota fid-diary b'ittri kbar u, biex żgur ma ninsiex, waħħalt il-karta mal-mera tal-kamra tal-banju biex naraha kull filgħodu meta nkun qed inqaxxar il-leħja.

*Tista' tkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħek* u jien mort inkellem lil Reno, ir-raġel tal-kuġina tal-mara, li qalli biex inħalli kollox f'idejh. Ikolli nistqarr li, dak il-ħin, ħassejtni xi ftit imkabbar bija nnifsi li, għal darba, kelli l-avukat *tiegħi*. Ħassejtni li diġà konna rbaħniha l-kawża, avolja kien għad baqa' xahrejn biex nidhru.

*Trid tkun hemm fid-disgħa!* Mela *bija* se jibdew! U ħassejtni xi ftit iktar importanti mis-soltu! Naturalment, ta' raġel puntwal li jien, kont hemm fit-tmienja u nofs. Skantajt bil-konfużjoni organiżżata li kien hemm. Kurituri twal u wesgħin kollha miżgħuda bin-nies; avukati bit-toga, pulizija bl-uniformi u kriminali, bħali, bil-ġlekk. Kulħadd idur u jagħqad u jistaqsi u jħares lejn in-notice board li hemm ħdejn kull awla. U jien hekk għamilt ukoll. Skantajt mhux ftit meta ndunajt li mhux il-kawża tiegħi biss kienet imsejħa għad-disgħa imma xi sebgħin kawża, kollha fl-istess ħin, fid-disgħa! Bilfors li kapaċi l-maġistrat li nzertajt jien!

Xħin daqqu d-disgħa u l-avkuat tal-fiduċja tiegħi baqa' ma deherx, erġajt bdejt nippanikja. X'se nagħmel waħdi? Reno qalli biex meta jsejħulna, inċempillu. Ċempiltlu biex infakkru li kienu d-disgħa u staqsejtu fejn kien qiegħed. Qalli li kien qiegħed f'awla oħra u, insomma, ftit ftit, skoprejt li, flimkien mal-kawża tiegħi, l-avukat tal-fiduċja *tiegħi*, ir-raġel tal-kuġina tal-mara, kellu xi tlieta jew erba' kawżi oħra x'jieħu ħsieb f'awli oħra fl-istess ħin. Malajr tiġi f'sensik u jmurlek il-qżież kollu li jkollok! Fl-aħħar, għal ħabta tal-ħdax u kwart, sejħulna. Sadanittant, Reno kien laħaq ħeles mill-erba' kawżi l-oħra li kellu u, immaġinajt, kien ġabhom fix-xejn u rebaħhom kollha *hands down* bl-ispejjeż għall-parti l-oħra! Lanqas ħaqq kemm kont inkwetajt meta bqajt ma rajtux!

Il-Maġistrat sejjaħ liż-żewġ abbli kollegi avukati maġenbu. Bdew igedwdu xi ħaġa bejniethom u kultant jitbissmu wkoll. F'daqqa waħda, il-Maġistrat indika li kien se jgħaddi għall-kawża li kien imiss. X'waħda din! Għamilhieli l-avukat tal-fiduċja tiegħi!

Tgħid ftiehem mal-avukat tal-ġar tiegħi? "Nistgħu immorru!" qalli.

"Diġà rbaħniha?" staqsejtu.

"Differita għal Ottubru," qalli, "biex jagħti ċans lill-partijiet jippruvaw jaslu għal ftehim bonarju, barra l-Qorti."

Mhux aħjar nidħqu milli nibku? Mel' isimgħu din. Tabib, accountant u avukat kienu qegħdin jargumentaw dwar liema hija l-eqdem professjoni fid-dinja. It-tabib qal li l-eqdem professjoni fid-dinja bilfors li hija l-professjoni medika għax l-ewwel operazzjoni seħħet meta Alla ħa kustilja minn Adam u minnha ħoloq lil Eva!

L-accountant ma baqax lura għax sostna li l-eqdem professjoni fid-dinja hija l-professjoni tal-accountancy għax, qabel Alla ħoloq lil Eva, Huwa qabad il-kaos u minnu ħoloq l-ordni!

U dlonk qabeż l-avukat u staqsiehom, "U l-kaos min għamlu?"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Għalfejn għandna nħobbu lill-anzjani tagħna?

**kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap**

L-anzjani huma persuni mill-aktar għeżież fis-soċjetà tagħna. Huwa għalhekk li, fil-fond ta' qalbi, minn dejjem ħassejt il-ħtieġa li nħobbhom u ngħożżhom. U llum il-fidi Nisranija u Kattolika tiegħi turini bil-miftuħ kemm nagħmel sewwa meta nħalli lill-Mulej jagħmel dan fija u bija. Inħoss li għandi nħobb lill-anzjani l-ewwel nett biex nurihom gratitudni. Bħalissa, jiġini quddiem għajnejja l-kliem sabiħ li qal il-Papa Franġisku nhar is-26 ta' Lulju 2015 dwar l-anzjani: *Nixtieq insellem lin-nanniet kollha u nirringrazzjahom għall-post speċjali tagħhom fil-familji u għall-importanza tagħhom* għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda. Sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu, Papa Franġisku ħaseb ħafna fl-anzjani. Fil-quddiesa li tat bidu għall-ministeru tiegħu bħala Papa, huwa talab lin-nies biex jieħdu ħsieb, b'mod partikulari, lill-anzjani. Dan għax il-Papa jaf li l-anzjani mhux l-ewwel darba li jispiċċaw imbuttati lejn "it-trufijiet tal-qalb". Barra minn hekk, ftit xhur wara, sewwasew fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, ġewwa l-Brażil, il-Papa kellem liż-żgħażagħ u fissrilhom dwar l-importanza li jisimgħu mill-anzjani li jgħixu fosthom.



L-anzjani għandi nħobbhom għax il-preżenza tagħhom tgħidli le għall-kultura qerrieda tal-ewtanasja. Fid-diskors tiegħu liż-żgħażagħ Arġentini li kienu f'Rio de Janeiro għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, nhar il-25 ta' Lulju 2013, Papa Franġisku qalilhom hekk: *Din il-globalizzazzjoni marret wisq 'il bogħod, wisq 'il bogħod ... għax dan huwa l-kult li nbena madwar l-alla tal-flus li aħna qiegħdin naraw l-iżvilupp tal-filosofija u tal-prattika li jiġu esklużi żewġ estremitajiet tal-ħajja u li huma t-tama ta' kull komunità. L-anzjani m'humiex qiegħdin jiġu murija kura għax ħadd ma jieħu ħsiebhom. Imma hemm ukoll ewtanasja kulturali.* Ħadd ma jħallihom jitħaddtu u jaġixxu.

Papa Franġisku jaf li n-nanniet għandhom rwol tabilħaqq essenzjali fil-ħajja tat-tfal. U dan jafu mill-esperjenza tiegħu stess b'riħet l-imħabba li kellha għalih nanntu stess, Rosa. L-eżempju tajjeb tagħha baqa' stampat f'qalbu! F'katekeżi li ta nhar il-11 ta' Marzu 2015 dwar in-nanniet Papa Franġisku qal hekk: *Il-kelmiet tan-nanniet tiegħi għandhom xi ħaġa speċjali għaż-żgħażagħ. U huma jafuha. Il-kelmiet li nannti kitbitli fil-jum li fih ġejt ordnat saċerdot għadni nġorrhom miegħi dejjem fil-brevjar. U naqrahom ħafna drabi. U jagħmluli ħafna ġid.* Mela, f'dan kollu, Papa Franġisku jgħallimni li għandi nħobb l-anzjani għall-eżempju tajjeb tagħhom.

Ir-raba' raġuni li għaliha nħobb l-anzjani hija biex ma nemarġinahomx. Interessanti kemm Papa Franġisku qatt ma jieqaf jikkundanna l-fatt meta l-anzjani spiss jispiċċaw imwarrbin fis-soċjetà. F'dan ir-rigward, Papa Franġisku ma joqgħodx idur mal-lewża. Isejjaħ din l-emarġinazzjoni dnub. Nhar l-4 ta' Marzu 2015, il-Papa qal hekk: *Huwa orribbli tara lill-anzjani mwaddbin fil-ġenb. Huwa ikrah u huwa dnub.* L-anzjani għandhom importanza partikulari f'għajnejn il-Papa. Dan għax huma l-memorja kollettiva tal-kommunitajiet u, fuq kollox, tal-familji.

Il-ħames raġuni għax il-fidi Nisranija u Kattolika tiegħi tgħallimni li għandi nħobb lill-anzjani hija għax l-anzjani huma dawk li jgħaddu l-fidi. Nhar il-11 ta' Novembru 2013, Papa Franġisku qal hekk: *Nitolbu għan-nanniet li, ħafna drabi, għandhom rwol erojku fit-trażmissjoni tal-fidi fi żmien ta' persekuzzjoni. Meta l-omm u l-missier ma kienux id-dar jew meta kellhom idejat strambi kienu n-nanniet li għaddew il-fidi.*

Is-sitt raġuni għax il-fidi tiegħi tgħallimni nħobb u nirrispetta lill-anzjani hija li dawn ħutna huma għajn ta' għerf. Għall-Papa Franġisku, l-anzjani huma tant importanti li huwa kien l-ewwel Papa li organizza avveniment fil-Vatikan li kien iddedikat speċifikament għalihom. Din il-ġurnata, li kienet nhar it-28 ta' Settembru 2014, kienet waħda tassew speċjali. Għaliha attenda wkoll il-Papa Emeritu Benedittu XVI. U Papa Franġisku, b'tant ħlewwa, sejjaħlu "*nannu għaqli*". F'dik l-okkażjoni sabiħa, Papa Franġisku qal hekk: *Għedt ħafna drabi li jien nieħu gost ngħix fil-Vatikan. Dan għax qisu* għandi f'dari nannu għaqli. *Grazzi.*

L-aħħar raġuni għalfejn inħobb l-anzjani hija minħabba l-ħlewwa tagħhom. Il-Papa Franġisku jikkundanna qatta bla ħabel meta wieħed jinsa lill-anzjani. Jew, inkella, meta wieħed ikun vjolenti fil-konfront tagħhom. Dan qatt m'għandu jkun għax l-esperjenza tal-anzjani hija unika. Nhar it-28 ta' Settembru 2014, Papa Franġisku qal hekk: *Waħda mill-aktar affarijiet sbieħ fil-ħajja, fil-familja, f'ħajjitna, hija li żżiegħel b'tifel u b'tifla u li tħalli lilek innifsek*

tiġi mżiegħel u mżelgħa minn nannu u n-nanna. Il-Papa jlaħħam kliemu b'għemilu. Tant hu hekk li, fl-udjenzi ġenerali, fil-laqgħat u fil-vjaġġi appostoliċi tiegħu, qatt ma jitlef l-opportunità li jsellem jew li jisma' lill-anzjani.

*Kemm jiena grat lejk Ġesù li, permezz tal-fidi Nisranija u Kattolika li tajtni, nista' nħobbok, nirrispettak u naqdik fl-anzjani tiegħek! Amen!*

# SAN FRANĠISK T'ASSISI



**kitba ta' Fr Charles Buttigieg**

San Franġisk, il-qaddis patrun tal-Italja, huwa l-qaddis tal-paċi u tad-djalogu reliġjuż. Twieled ġewwa Assisi fl-Umbrija l-Italja fl-1182, minn Giovanni di Pietro di Bernardone u Pica de Bourlemont li kienet franċiża, u miet fit-3 ta' Ottubru 1226. Għandu qima f'ħafna pajjiżi tad-dinja u jgawdi rispett anke f'reliġjonijiet mhux insara u saħansitra anke minn dawk li ma jħaddnu l-ebda twemmin. San Franġisk waqqaf id-dixxipli tiegħu, il-patrijiet Franġiskani, il-*fratres minores,* fl-1209 bl-approvazzjoni tal-Papa Innoċenzu III. L-isem tiegħu, li huwa marbut mal-faqar, mas-sempliċità u, fuq kollox, mal-paċi, ispira lil Papa Franġisku biex jagħżel l-isem tiegħu meta sar Papa.

Ilkoll nafu li l-familja ta' San Franġisk kienet waħda sinjura ħafna imma, meta beda jara tant faqar fi bliet oħrajn, speċjalment meta mar Ruma, huwa rrinunċja għal din l-għana kollha u għażel it-triq tal-faqar ħalli jsir ħaġa waħda mal-proxxmu batut. Bl-eżempju u bil-fatti aktar milli bil-kliem, San Franġisk ried jifforma pont ta' solidarjetà mal-poplu li, fil-maġġor parti tiegħu, kien jgħix fil-faqar u fl-inġustizzji li kienu jikkawzawlhom is-sinjuri bil-ġlied u l-piki bejniethom. Kien għall-ħabta tas-sena 1206 meta, mill-Kurċifiss tal-knisja mġarrfa ta' San Damjan, Ġesù tkellem ma' San Franġisk u stiednu jirranġa l-Knisja li kienet qed tiġġarraf; mhux il-knisja nnifisha ta' San Damjan imma l-Knisja Universali. Il-Knisja kienet qed titlef il-missjoni proprja tagħha li twettaq l-opri tal-ħniena u, għalhekk, kienet qed titbiegħed mill-poplu li kellu bżonn tassew l-għajnuna kemm materjali kif ukoll spiritwali. L-għodod li uża Franġisku kienu tlieta, il-faqar, l-ubbidjenza u l-kastità.

San Franġisk għadda wkoll u mess l-esperjenza qarsa tal-gwerra u l-konsegwenzi negattivi li jġibu s-suppervja, il-firda u l-ġlied bejn il-bliet. Huwa rrifletta fuq dan kollu u għaraf li din ma kinetx it-triq ġusta tal-paċi għax il-gwerra ġġib iktar gwerer u firda. Dan kollu mbotta lil San Franġisk biex jagħżel it-triq tal-faqar u jxandar il-paċi. Fil-fatt, il-ħajja ta' San Franġisk ma ddurx biss mal-inħawi ta' Assisi imma huwa jiddedika ħajtu għal vjaġġi anki riskjużi biex ixandar ir-riforma tiegħu tal-paċi u tad-djalogu. Fl-1212, beda l-vjaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm, fejn hemm il-postijiet qaddisa marbuta ma' Ġesu Kristu, imma kellu jirritorna mill-ewwel wara li salva minn nawfraġju li kellu l-vapur li kien fuqu fid-Dalmazja. Fl-1213, mar il-Marokk imma, meta wasal Spanja, kellu jirritorna lura din id-darba għax marad sewwa. Fl-1215, mar Ruma għar-Raba' konċilju tal-Lateran. Fl-1219, għamel il-vjaġġ għall-Eġittu ġewwa Damjetta biex jiddjaloga mas-Sultan al-Malik al-Kamil (neputi ta' Saladin) fi żmien il-ħames kruċjata fejn kien qiegħed jinxtered ħafna demm innoċenti, speċjalment fl-Art Imqaddsa. Kien kuraġġjuż biżżejjed u ma beżax jitkellem fil-palazz tas-Sultan. Fl-1221, mar Sqallija ġewwa Katanja u, fl-1222, mar Bolonja.

Kien kapaċi jikkommunika u jimmansa l-lupu feroċi ta' Gubbjo. Mal-lupu, San Franġisk wasal għal medjazzjoni li l-lupu ma joqtol lil ħadd iktar filwaqt li n-nies ta' Gubbjo jagħtuh l-ikel u l-klieb kollha ta' Gubbjo ma jagħtuhx fastidju iżjed. Kien jikkomunika mal-ħolqien; max-xemx, mal-qamar, man-natura u mal-annimali. Fis-sena 1225, San Franġisk kiteb wieħed mill-isbaħ innijiet, tassew kapulavur tal-letteratura, il-Kantiku tal-Ħolqien jew l-Għanja tal-Ħlejjaq, li fih insibu t-talba ta' ringrazzjament tiegħu lil Alla għall-opra tal-ħolqien: *Laudato si' mi' Signore*, Tkun imfaħħar Mulej tiegħi, kliem li ispiraw it-tema tal-enċiklika reċenti tal-Papa Franġisku dwar l-ambjent u l-ħolqien. Din il-kapaċita' tiegħu ta' medjazzjoni u ta' paċi narawha fil-kitbiet tiegħu u f'ħafna ittri. Għandu kitbiet lil diversi persuni fosthom ittra mportanti lill-mexxejja tal-popli, lill-maġistrati, lill-konslijiet, lill-imħallfin u lill-mexxejja kollha, fejn jgħidilhom: "Qisu li Alla jkun meqjum kif jixraqlu mill-popli kollha fdati lilkom." Dan l-ispirtu ta' djalogu deher fid-dixxipli tiegħu wara mewtu u, ispirati minnu, xerrdu l-evanġelju b'mod paċifiku mad-dinja kollha.

Is-sempliċità u l-faqar u, fl-istess ħin, il-qawwa tar-rikonċiljazzjoni u l-paċi fl-ispirtu ta' San Franġisk ispira lill-Papa Ġwanni Pawlu II għal-laqgħa storika mar-rappreżentanti tar-reliġjonijiet kollha tad-dinja ġewwa Assisi fl-1986, liema ġrajja ġiet ukoll repetuta fil-laqgħa li għamel il-Papa Benedittu XVI ġewwa Assisi fl-2011. Fl-omelija tiegħu ġewwa Assisi nhar l-4 t'Ottubru 2013, il-Papa Franġisku qal li San Franġisk jgħallimna r-rispett lejn il-persuni kollha u lejn il-ħolqien kif jitlob huwa stess: "Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek; fejn hemm il-mibegħda ħallini nħeġġeġ l-imħabba; fejn hemm il-ħtija ħallini nferrex il-maħfra." J'alla kull wieħed u waħda minna nkunu wkoll strumenti ta' paċi u ta' sliem fuq l-eżempju ta' dan il-kbir qaddis tal-paċi.

# XI ĦAĠA X'JOMGĦOD GĦAL MIN M'GĦANDUX SNIEN

**Kitba ta' Anthony Cardona B.A., M.A., S.Th.D.**

**Min aħna? Minn fejn ġejna? Għandna tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet? Dan l-artiklu tas-Sur Cardona jittanta jixħet naqra dawl fuq xi teoriji li jażżardaw iwieġbu mistoqsijiet tant pertinenti bħal dawn.**

Sa minn żmien il-qedem, il-bniedem dejjem fittex u staqsa dwar kif seta' kien l-oriġini tiegħu. Ħafna sabu t-tweġiba fit-tagħlim reliġjuż u fi twemmin li xi Alla setgħan ħalaqna fl-imgħoddi mhux daqstant imbiegħed. Oħrajn m'aċċettawx dan it-twemmin u ppruvaw isibu t-tweġiba tagħhom f'xi teorija oħra. Wieħed minn dawn kien Charles Darwin li, fl-1859, ippubblika l-istudju xjentifiku tiegħu, *On the Origin of Species by means of Natural Selection.* Darwin wasal għall-konklużjoni li l-ħajja nibtet u evolviet matul il-ġenerazzjonijiet bi proċess ta' għażla naturali. Huwa rraġuna li kull ħlejqa ħajja fid-dinja, ibda mill-batterji, il-fungi, il-pjanti, rettili, ħut, għasafar, annimali oħra u anki l-bnedmin, ilkoll tnisslu minn antenat komuni. Għalkemm din it-teorija ħasdet lil ħafna nies u qajmet kontroversja sħiħa, ma damitx wisq biex taqbad l-għeruq u ħafna xjenzati aċċettawha bħala l-aktar teorija li tagħmel sens. Illum naħsbuha mod ieħor għax ix-xjenza moderna qed turina li din it-teorija fiha ħafna difetti, speċjalment fil-prinċipji l-aktar bażiċi tagħha.

It-Teorija tal-Evoluzjoni tassumi li l-ħajja fuq wiċċ id-dinja bdiet madwar 3.8 biljun sena ilu meta massa ta' molekuli u sustanzi kimiċi bla ħajja iffurmaw entità ħajja meta, b'xi tempesta tas-sajjetti, l-elettriku taha l-ħajja lil din il-molekula primordjali u għamilha organiżmu ħaj. Illum nafu li dan ma jistax ikun u l-ebda xjenzat ma jista' joħloq organiżmu ħaj fil-laboratorju permezz ta' impulsi elettriċi!

It-Teorija tal-Evoluzzjoni ta' Charles Darwin tippresupponi wkoll li dan l-ewwel organiżmu ħaj kellu l-qawwa riproduttiva u l-ħila li jnissel minnu nnifsu organiżmi ħajjin oħrajn bħalu u li, permezz ta' tnissil b'modifikazzjoni, in-natura baqgħet tevolvi billi, minn ħlejqiet sempliċi b'ċellola waħda, baqgħu jitnisslu ħlejqiet aktar kumplessi billi jseħħ dak it-tibdil ġenetiku fil-kodiċi ġenetika ta' dak l-organiżmu bil-proċess ta' għażla naturali. Dan il-proċess iwassal biex iseħħu dawk il-bidliet ġenetiċi meħtieġa għall-preservazzjoni tal-organiżmu. Maż-żmien, dawn il-bidliet ġenetiċi jakkumulaw sakemm isiru organiżmu ieħor ġdid, differenti minn ta' qablu. B'hekk, tibda sseħħ il-katina tal-evoluzzjoni.

Għal mument, ejja nassumu li miljuni ta' snin ilu seta' ġara li dawk il-molekuli bla ħajja, f'daqqa waħda, saru organiżmu ħaj li kapaċi jirriproduċi lilu nnifsu u li, b'hekk, bdiet il-katina evoluttiva tal-ħajja. Imma llum, bil-ħila tal-avvanzi kbar fix-xjenza, fost oħrajn, fl-oqsma tal-bijoloġija molekulari, il-bijokimika u l-ġenetika, nafu li hemm għexieren ta' eluf ta' sistemi kumplessi ta' ħajja f'livell ċellulari. Il-famuż bijologu molekulari Michael Denton jgħid li, għalkemm l-iċken ċelloli batterjali huma ċkejknin immens, fil-fatt, kull waħda hija bħal fabbrika mikro-ċkejkna li fiha hemm eluf ta' mikro-ċelloli li jiffunzjonaw ilkoll flimkien bħala biċċa makkinarju molekulari iffurmat minn mitt elf miljun atomu. U dan huwa ħafna aktar ikkumplikat minn kwalunkwe makkinarju ieħor li ħoloq il-bniedem u li ma jistax ikun hemm bħalu fid-dinja ta' bla ħajja.

Din l-istqarrija turina biċ-ċar li ma jistax ikun li, permezz tal-evoluzzjoni, materja inorganika tispiċċa tittrasforma ruħha f'molekula ħajja li, fiha, hemm miljuni ta' miljuni ta' atomi li jaħdmu lkoll flimkien biex jipproduċu ċellola ħajja li tista' wkoll tirriproduċi lilha nnifisha f'ċelloli oħra. Mela, it-teorija ta' Darwin mhix valida u Darwin innifsu kien qal li l-għażla naturali taħdem billi kull bidla li sseħħ fl-organiżmu tieħu żmien twil ħafna biex tressaq l-organiżmu lejn bidla ġenetika. Dan juri li Darwin stess ma setax jispjega kif sistema kumplessa bħal dik, meta tiġi biex tirriduċiha tara li tant fiha biċċiet li lkoll huma meħtieġa għas-sistema sħiħa li ma jistax ikun li ffurmat billi evolviet bil-mod il-mod bl-għażla naturali. Fil-fatt, anki l-ġisem tal-bniedem huwa magna kumplessa ta' miljuni ta' miljuni ta' ċelloli li kull waħda hija ffurmata minn kumplessità irriduċibbli ta' atomi. Darwin stess ammetta li l-għajn umana tant hija kumplessa biex tirriproduċi dawk l-aġġustamenti meħtieġa ħalli tiffoka d-dawl li diffiċli tgħid li dawn l-iżviluppi kollha saru bl-għażla naturali.

Illum, ix-xjenza turina li l-ewwel organiżmi ħadu l-ħajja madwar erba' biljun sena ilu. Imbagħad, bl-evoluzzjoni, wara xi tliet biljun sena, tfaċċaw l-ewwel organiżmi ħajjin multi-ċellulari biex, mas-sitt mitt miljun sena ilu, dehru l-ewwel veġitazzjoni u l-antenati tal-annimali. Il-ħajja kif nafuha llum turi li ċ-ċelloli tal-bnedmin u l-annimali tant huma simili li l-ħajja bilfors li bdiet minn speċi komuni u li nfirxet bl-evoluzzjoni fi speċi differenti. Illum jaħsbu li, fid-dinja, hawn mal-erbatax-il miljun speċi ta' organiżmi ħajjin li, minnhom, 1.2 miljun biss huma magħrufin. Dan joħloq anomalija kbira għax, għalkemm il-ħajja ċellulari tevolvi matul biljun sena, diġà evolvew ħames biljun speċi li llum huma estinti.

Dan ifisser li, kull sena, evolvew ħames biljun speċi ġodda u dan il-proċess baqa' għaddej għal biljun sena! Imma, mill-mikrobijoloġija, nafu li l-evoluzzjoni sseħħ bil-mod wisq għax il-pjanti, l-annimali u l-bnedmin ikollhom bidla ċkejkna wisq benefiċjali li mbagħad tinkorpora ruħha fil-mappa ġenetika tal-ġenerazzjoni li jmiss. Dawn il-bidliet minuskoli jakkumulaw huma u jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra sakemm isiru speċi ġodda għal kollox. Dawn il-kalkoli juru li, biex tidher speċi ġdida fil-ħolqien, iridu jgħaddu mijiet ta' ġenerazzjonijiet u eluf kbar ta' snin. Imma d-Darwinisti jikkalkulaw li jistgħu jitfaċċaw sa ħames speċi ta' ħlejqiet ġodda kull sena għal biljun sena sħaħ!

Illum nafu li dan mhux veru għax, f'dawn l-aħħar żminijiet, ma nafu bl-ebda ħlejqa ġdida li ffurmat mit-tibdil molekulari jew ċellulari tal-ispeċi tagħha. Pereżempju, m'hawnx xi speċi ta' kelb ġdid mill-ispeċi tal-klieb kollha li hawn fid-dinja! Anki l-arkeoloġija turi li l-fossili tal-qedem kienu diġà organiżmi evoluti sħaħ u ma kinux molekuli ħajjin għaddejjin minn proċess ta' tibdil evoluzzjonarju. Anki l-annimali tal-lum, ħut, klieb, qtates, rettili, għasafar, eċċetra, huma annimali ffurmati kompletament.

Problema oħra li għandha t-Teorija tal-Evoluzzjoni hija din: Kif jista' jkun li l-ispeċi li kienu fi proċess ta' evoluzzjoni setgħu jieħdu n-nifs jekk l-organi tagħhom kienu għadhom qed jevolvu? Għalkemm Darwin seta' kellu raġun jara li, fin-natura, teżisti l-għażla naturali, illum nafu li din l-għażla m'għandhiex qawwa kreattiva fiha nnifisha.

Il-ġenetika turi li l-evoluzzjoni oriżżontali hija possibbli imma l-evoluzzjoni vertikali mhix; jiġifieri l-ħlejqiet jibqgħu jevolvu maż-żmien fi speċi differenti ta' klieb, qtates, ħut, eċċetra imma li, minn ħuta, issir kelb jew bniedem mhix possibbli għax il-bidliet bijoloġiċi huma possibbli biss għall-istess speċi. It-tibdil ġenetiku huwa determinat mid-*DNA*, jew aħjar il-kodiċi ġenetika tal-ispeċi. Fil-fatt, il-molekula tad-*DNA* hija bħal spaga twila infinita ta' aċidi nuklejiċi li huma rranġati f'sekwenza li tagħti l-istruzzjonijiet liċ-ċelloli tal-ġisem kif għandhom jibnu l-organi u t-tessuti. L-evoluzzjonisti ħasbu li, f'din il-kodiċi ġenetika, iseħħ tibdil maż-żmien li, imbagħad, jipproduċu sekwenzi ġodda li jirriżultaw fi speċi ġodda meta, fil-fatt, it-tibdil ġenetiku jseħħ minħabba forzi ambjentali esterni bħalma huma r-radjazzjoni, il-klima, l-ambjent u l-kimiċi tossiċi fost oħrajn.

It-Teorija tal-Evoluzzjoni ma tarax għajn m'għajn max-xjenza moderna u x-xjenzati tal-lum jarawha bħala għadd ta' assunzjonijiet bla bażi. Għaldaqstant, wieħed ikollu jikkonkludi li, għalkemm tidher ġenjali, it-teorija ta' Darwin mhix fattibbli.

---

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sur Alfred Gatt (Ħaż-Żebbuġ) – €10.00
Is-Sinjura Mary Anne Delia (Tas-Sliema) – €10.00
Is-Sinjur u s-Sinjura Anthony Galea (Il-Kappara) - €5.00
Is-Sin Mary Rose Mifsud (Il-Ħamrun) - €5.00
Is-Sinjur u s-Sinjura R. Sammut (Ir-Rabat) - €10.00
Is-Sinjura Elizabeth Portelli (Il-Ħamrun) - €10.00
Is-Sinjura Mary Rose Mangani (Il-Mosta) - €20.00
Is-Sinjorina Mary Rose Gatt (Il-Ħamrun) - €10.00

L-Editur
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

# Karattri u tifkiriet ta' Victor Rizzo mir-Raħal Ġdid li joqgħod in-Naxxar

**Daħla**

Dawn il-ftit tifkiriet u ħsibijiet joħduni lura lejn tfuliti u kkommettejthom fuq il-karta biex nerġa' nagħti l-ħajja lil karattri li għexu tassew u li, ħafna minnhom, kont spiss narahom fi tfuliti. Ħafna minn dawn in-nies kienu jgħixu fis-snin sittin fi Triq Santa Monika, u fl-inħawi tagħha, ir-Raħal Ġdid. B'li qed nikteb ma rrid inweġġa' lil ħadd. Irrid biss inbattal il-garigor ta' tifkiriet u ħsibijiet minn moħħi. Lil dawn in-nies nixtieq nerġa' nagħtihom il-ħajja. Irrid inwassalhom lilkom kif kont narahom, kif kont nosservahom, kif kont inħosshom, jien meta kont żgħir. Irrid niftaħ tieqa żgħira u nistieden lil qarrej biex, flimkien miegħi, jagħti titwila lejn il-mod kif kienet il-ħajja fis-sittinijiet; għall-inqas, kif kont naraha jien minn nuċċali ta' tifel ta' ftit snin.

Il-karattri msemmijin f'dawn ir-rakkonti, kemm f'din il-ħarġa kif ukoll f'ħarġiet sussegwenti ta' dan il-fuljett, m'għandhom l-ebda preferenza. Qegħdin jidhru biss hekk kif qed ingibhom quddiem għajnejja jterrqu fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tal-madwar. Kull rakkont huwa minnu.

**Cannavò**

Dan Cannavò kien barbier. Qatt ma sirt naf x'kien jismu għax dejjem sibnih b'kunjomu, Cannavò[1]. Kellu ħanut żgħir fit-triq ta' warajna, Triq Ġużè D'Amato; b'ħafna xagħar mal-art li, kultant, kien jiġi miknus. Nista' ngħidilkom li kien igawdi ċertu popolarità man-nies tal-inħawi. Biex immur għandu, ma kellix għalfejn naqsam l-ebda triq għax il-ħanut tiegħu kien fl-istess blokk fejn konna noqgħodu aħna. Meta kont tmur taqta' xagħarek għandu stajt tibqa' ċert li se ssib xi tlieta jew erba' minn nies oħra qablek jistennew fuq il-bank kiesaħ li kien hemm mal-ġenb tax-xellug hekk kif tidħol għandu. Niftakar ukoll li d-daħna tas-sigaretti ma kienet tonqos qatt. Ma nafx liema kien jaħdem l-iżjed jekk hux l-imqass jew ilsienu għax Cannavò kien dejjem jirrakonta l-istejjer. Kull rakkont kien ikun imżewwaq ġmielu. Ħuti jgħidu li Cannavò kien mill-Belt għax darba jgħidu li żebgħulu l-bieb abjad u iswed biex jinkuh wara li l-Hibs rebħu lil Belt f'logħba football. Kien ikun interessanti tara wiċċu dak il-ħin meta sab il-bieb imċappas biż-żebgħa. Min jaf x'qal! Tgħid jista' jinkiteb dak li qal?

Għalina t-tfal kellu banketta żgħira li kien ipoġġiha fuq is-siġġu li jdur, jerfagħni u jpoġġini fuq din il-banketta. Pront kien jorbot qisu liżar żgħir m'għonqi u "Tiċċaqlaqx!" kien jordnali hekk kif jaqbad l-imqass f'id waħda u l-moxt f'idu l-oħra u jibda jiżbor.



Wara ftit kien jgħidli, "Baxxi rasek!" u kont inħoss il-magna kiesħa fuq in-naħa ta' wara t'għonqi. L-aħħar att kien jintemm billi jitfa' ftit terra fuq il-pinzell u jfarfarli għonqi mill-ħafna xagħar irqiq u jnigges. "Lest!" kien jgħidli bħala ċertifikat li l-missjoni kienet kompluta. Hekk kif jibda s-sajf, l-istil tal-qatgħa xagħar dak iż-żmien kien x'aktarx ikun crew cut, jiġifieri, kollu mqaxxar; bħal tal-baħrin u s-suldati Ingliżi.

Darba waħda, mort għandu bħas-soltu u, fuq il-pultruna, kien hemm raġel li Cannavò kien qiegħed jaqtagħlu xagħru. Malli dħalt, dak ir-raġel dar fuq Cannavò u qallu, "Dan magħna, hux hekk?"

"Dawn kollha magħna," serraħlu rasu Cannavò.

Imma dak ir-raġel donnu li ma kienx sodisfatt għax dawwar wiċċu lejja u qalli, "Ħa nara. Int ma' min iżżomm?"

Din kienet mistoqsija li ġieli smajtha l-iskola wkoll u li, għaliha, kien hemm bosta tweġibiet bħal, "Ma' Pellegrini" jew "Ma' Mabel" jew "Ma' Mintoff" jew "Ma' Borg Olivier". Però, mingħajr ma naf għaliex, it-tweġiba tiegħi kienet, "Mal-Papa". Naf biss li, fil-ħanut ta' Cannavò waqa' skiet perfett sakemm dak ir-raġel telaq 'il barra. Lanqas laħaq ħareġ mill-bieb meta Cannavò dar fuqi b'rabja kbira fuqu u qalli, "Taf min kien dak? Dak Mintoff!" Naturalment, dak kien żmien ta' tilwim kbir bejn il-Perit Mintoff u l-Knisja mmexxija mill-Arċisqof Gonzi. Kif waqqajtu għaċ-ċajt miskin dakinhar lil Cannavò! L-unika konsolazzjoni kienet li issa kellu rakkont ieħor xi jżid mal-lista.

[1]Nota tal-Editur

Cannavò kien jismu Pawlu. Nafu għax kien Belti, bħali. Kien joqgħod Strada San Giuseppe jew, aħjar, kif kienet iktar magħrufa, it-Triq tal-Franċiżi. Barra milli kien barbier, Cannavò kien ipinġi tajjeb ħafna wkoll. Jien iltqajt miegħu l-ewwel darba xi ħamsa u sittin sena ilu meta kien għad kelli xi tmien snin. Pawlu Cannavò kien wieħed minn dawk li kien jiġi l-Kannierja ta' taħt il-knisja ipitter id-disinji għall-festa ta' San Duminku.

# Tifkira tas-Sebgħin Anniversarju tal-akbar traġedja fuq il-baħar, f'Għawdex

### Kitba ta' M'Assunta Grima minn Għajnsielem



Matul il-medda tas-snin, seħħew ġrajjiet ta' ferħ kif ukoll ta' niket. Imma l-ġrajjiet ta' niket donnhom ma jintesew qatt u jibqgħu jiġu mfakkra kull sena. Waħda minn dawn il-ġrajjiet hija magħrufa bħala l-akbar traġedja li qatt seħħet fil-baħar t'Għawdex għax, fiha, tilfu ħajjithom tlieta u għoxrin ruħ; kollha Għawdxin minbarra wieħed li kien Malti.

Fis-sena 1948, ħafna Għawdxin kienu jaħdmu Malta u, kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar, kienu jerġgħu lura lejn Għawdex mal-vjaġġ tas-14.30 bil-vapur *Il-Banċinu*. Kien il-31 t'Ottubru u bosta Għawdxin riedu jerġgħu lura lejn Għawdex. Grupp ta' seba' u għoxrin Għawdxi ma laħqux il-vapur li kien ħadem minn San Pawl il-Baħar minflok mill-Marfa minħabba li, dakinhar, kien maltemp kbir. Dawn in-nies għamlu li setgħu biex imorru lejn Għawdex. Infatti, sar ftehim biex luzzu żgħir tas-sajd, immexxi minn żewġ Għawdxin, imur għalihom il-Marfa.

Il-luzzu telaq għall-ħabta tal-17.00. L-ajru kien imsaħħab u r-riħ kien moderat mill-Lbiċ. *Il-Banċinu* kien għadu kemm jasal Għawdex minn San Pawl il-Baħar u fuqu kellu madwar mitejn u ħamsin ruħ; kollha ħaddiema Għawdxin imma, b'xorti ħażina, il-grupp ta' seba' u għoxrin ma kienux laħquh. Għalhekk, krew xarabank li wasslithom sal-Marfa fejn qagħdu jistennew il-luzzu jiġi għalihom. Dawn in-nies ħadu r-ruħ x'ħin raw il-luzzu jitrakka mal-moll u kollhom ferħanin telgħu fuq il-luzzu u telqulha lejn Għawdex. Billi kien il-maltemp, il-luzzu ħtieġlu jgħaddi minn wara Kemmuna.

Madwar tliet kwarti wara, il-luzzu wasal Ħondoq ir-Rummien. Ir-riħ żdied u issa kien faċċata tagħhom. Sid il-luzzu ġieh id-dubbju jkomplix bil-vjaġġ sal-Imġarr. Huwa qal lill-oħrajn li jkun aħjar jekk jitrakka mall-moll ta' Ħondoq ir-Rummien imma ħafna mill-passiġġieri ma qablux miegħu għax riedu jkomplu sejrin sal-Imġarr. Kontra qalbu, sid il-luzzu għamel kif riedu huma. Issa kien dalam sewwa u riħ żied ħafna wkoll. Ftit minuti war li l-luzzu telaq minn Ħondoq ir-Rummien, wasal ħdejn blata magħrufa bħala l-Blata taċ-Ċawl. Hawnhekk, sid il-luzzu nduna li kien dieħel l-ilma minħabba l-mewġ qawwi u, f'daqqa waħda, il-luzzu niżel taħt l-ilma u għereq. Il-passiġġieri sabu ruħhom fil-baħar. Huma tħabtu ħafna biex isalvaw imma erba' rġiel biss irnexxielhom jgħumu sal-blat u telgħu l-art. Wieħed minnhom kompla jixxabbat u tela' sa fuq imxarrab u għajjien. Baqa' sejjer bil-mixi sal-Għassa tal-Qala biex jagħti l-aħbar li kien għereq luzzu bin-nies fuqu. Il-Pulizija tal-Qala ċemplu l-Għassa tar-Rabat u qalulhom b'din l-aħbar. Huma ċemplu wkoll l-Għassa tax-Xatt tal-Imġarr u l-pulizija minn hemm marru Ħondoq ir-Rummien biex jgħatu l-għajnuna li setgħu lil dawk li kienu salvaw. Jumejn wara, il-katavri tal-passiġġieri li għerqu telgħu fil-wiċċ. Daħħluhom l-Imġarr u ħaduhom l-isptar il-qadim. Kien hemm tlieta u għoxrin ruħ minn diversi rħula f'Għawdex.

Wara traġedja bħal din, Għawdex waqa' f'luttu kbir. L-għada li ħaduhom l-isptar, sar il-funeral tagħhom fil-Kattidral t'Għawdex. Kienet tassew diżgrazzja fuq il-baħar li ħatfet tlieta u għoxrin ruħ. Il-familjari tal-vittmi baqgħu iħossu t-telfa tagħhom għal għomorhom kollu u xejn ma seta' jsabbarhom. Kienet diżgrazzja kbira u, kull sena, fil-31 t'Ottubru, issir ċerimonja fuq il-post fejn ġrat id-diżgrazzja. Dawk li jieħdu sehem joffru talb għal ruħhom u, bħala sinjal ta' rispett lejn il-vittmi, jintefgħu bukketti ta' fjuri fil-baħar fejn seħħet din l-għarqa.

---

## L-Arloġġ tal-Ħin

**Poeżija ta'**
**Marion Higgins DeBono**

Itektek,
bħal qalb li tħabbat,
therwel b'taħbit il-moħħ li jwerwer,
titħaddet ir-ras,
titbikkem bid-dmugħ minqux fl-għajnejn sewdiena,
ħosbiena, tistenna mdejqa
li jgħaddi dan kollu minna l-bnedmin fraġli;
bit-tama l-hena,
il-ferħ man-niket minsuġ;
nistrieħ, nistenna ħa jħejjem
hekk kif niftakar fik, illum!



# Mill-ktieb tat-tifkiriet ‘Fjuri li ma Jinxfux’

**Kitba tal-Prof. Oliver Friggieri**




# L-ewwel dell tal-mewt

“In-nannu, fiż-żmien, kien surġent tal-pulizija, ibni. Ftit kien hawn li kellhom l-iskola li kellu hu,” qalli missieri dakinhar li ġie d-dar u tana l-aħbar li saħħet in-nannu kienet waslet fl-aħħar. Niftakarni naqbad taħdita ma’ missieri li tixbah lil din li ġejja.

“Għaliex in-nannu jżomm il-mustaċċi, pa?” staqsejtu. Fid-dar taz-zija Ġuża bqajt nara dejjem dak il-kwadru kbir, kbir, tiegħu bil-mustaċċi li jidhirli feġġ f’moħħi xi mkien u xi darba jien u nikteb ir-rumanz l-ieħor, *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*.

“Għax jixirqulu,” qabeż fuqi missieri.

“U għaliex dejjem jilbes il-ġlekk, pa?”

“Għax hekk jixraqlu bniedem li kien surġent tal-pulizija.”

“U għaliex?”

“Issa daqshekk, tistaqsinix iżjed,” qatagħli fil-qasir, “bħalissa m’għandix aptit dawn il-mistoqsijiet.” Il-frażi “issa daqshekk” kelli nismagħha sikwit, anki mingħand ommi u naħseb li kellhom raġun jirrikorru għaliha. Minn naħa l-oħra, ma kienx soltu li missieri jaqtagħli kliemi ħesrem, malajr malajr, kull meta kont nurih li nixtieq inkun naf. Kien iħobb jgħallimni u kien jinsisti li nitgħallem, l-aktar matul il-passiġġati fil-Mall u fil-Gotti jew Fuq il-Fosos jew f’xi mixja “twila” sal-inħawi tal-Kapuċċini, jew sal-Belt Valletta. Kien dejjem iżommli idi, imbeżża’ li, jekk jitlaqni, tolqotni xi karozza, imqar fuq il-bankina. Kien jirrakkonta fit-tul, jargumenta, iħaqqaq b’idejh u jisħaq li nisimgħu mingħajr ma mmerih jew nitniffes. Din id-darba, jekk ma tantx ried kliem, bilfors li kien inkwetat.

“Xi ġralu n-nannu, pa?” staqsejtu wara ftit ħin.

“In-nannu kiber, ibni u, fix-xjuħija, tistenna kollox. Issa llejla ejja miegħi u mmorru narawh,” ordnali. L-appartament tan-nannu, għalija, kien it-tieni dar. Kull meta kont immur ma’ missieri, kien jagħtini l-ħelu u jerfagħni fuq ħoġru, itella’ u jniżżel irkobbtu u jieħu pjaċir jarani nitbandal. Iz-zija kienet tilqagħna b’merħba kbira hija wkoll u qatt ma ħriġt minn hemm ġew mingħajr porzjon doppju ta’ ħelu. Kien ta’ ftit kliem.

Ftit jiem wara, in-nannu qaleb għall-agħar. Kont ili nsibu fis-sodda imma, sa ftit qabel, kien għad fadallu s-saħħa jqum bilqiegħda u jgħid kelmtejn. Fl-aħħar żmien, kien ikun mimdud u bilkemm jinstema’ jieħu n-nifs. Dakinhar, morna fl-appartament tan-nannu minn kmieni filgħodu. Jien ma mortx skola u missieri ma marx għax-xogħol. Malli dħalna fil-kamra tiegħu, missieri ressaqni lejh u mbagħad qalli biex noħroġ u mmur in-naħa l-oħra tal-appartament.

“In-nannu m’hux għal magħna, ruħi,” qaltli z-zija Ġuża waqt li ġabitli siġġu u poġġietni mal-mejda. Tatni lapes u karta u gomma u riga mill-kexxun tal-kamra tagħha li darba, meta ħallietni nqalleb fih, kont ħassejtni quddiem teżor mimli kurżitajiet: kotba qodma bil-Malti, kurunelli, ritratti tal-familja, kuruni tar-Rużarju. Il-kxaxen tax-xjuħ huma tassew gżejjer ta’ teżori. U, aktar ma jkunu teżori sempliċi, aktar juru t-tjieba tagħhom.

Intasabt mal-mejda, serraħt rasi fuq minkbi tal-lemin u waqaft inħares lejn il-karta vojta. Ma kontx naf x’naqbad nikteb u, għalhekk, iz-zija ma damitx ma ġabitli ktieb mill-kexxun. Imma lanqas il-ktieb ma kien biżżejjed għalija. Ħsiebi kien biss fil-kamra l-oħra, lilhinn mill-kuritur qasir, fejn ma kontx naf x’qiegħed jiġri, anki jekk kont ċert li kienet ġurnata differenti minn kull ġurnata oħra. Naf li l-kamra kienet mimlija biz-zijiet kollha u ħsibt, jew stajt nobsor, li kienu qegħdin iħarsu lejn in-nannu u jistennewh jorqod. Magħhom, bilqiegħda ħdejn is-sodda tan-nannu u qrib ħafna ta’ wiċċu, kien hemm qassis liebes l-ispellizza u stola vjola fuq is-suttana sewda. Qassis kien dejjem jilbes suttana sewda, f’kull okkażjoni, ġewwa u barra. Iz-zija baqgħet ġejja u sejra minn ħdejn in-nannu għal fejn kont jien.

“Issa x’se jiġrilu n-nannu, zi?” staqsejtha malli ġiet lura.

“In-nannu qiegħed imut, ruħi,” weġbitni.

“X’jiġifieri jmut, zi?”

“Jiġifieri jmur għand il-Bambin; fis-sema!”

“Jiġifieri ma jibqax magħna?”

“Le, ruħi. Imma jien xorta nibqa’ nagħtik il-ħelu, tibżax,” qaltli u leħenha kien miksur u kienet waslet biex tinfaqa’ tibki.

“Għaliex se jmut in-nannu, zi?”

“Għax issa xjaħ, ruħi.”

“Ix-xjuħ biss imutu, mela, zi?”

“Le, ruħi, mhux ix-xjuħ biss.”

“Anki jien, mela, zi.”

“Eh, ruħi...” tniehdet iz-zija u għannqitni magħha u reġgħet marret ħdejn in-nannu.

# IS-SOPRANO HILDA MALLIA TABONE

**kitba ta' Peter Paul Ciantar**



Dawk li għandhom 'il fuq minn sittin sena u huma midħla tal-mużika, l-aktar dik operistika, żgur li jiftakru lis-sopran Hilda Tabone li, wara li żżewġet, saret magħrufa bħala Hilda Mallia Tabone. Jiftakru l-vuċi sabiħa u drammatika tagħha li kienet, verament, iżżejjen palk. L-anqas temmen; ilha mejta erbgħin sena. Mietet żgħira, ta' ħamsa u erbgħin sena, fil-5 ta' Frar, 1978.

Ħabib tiegħi mir-Rabat li, f'dawk iż-żminijiet, kien midħla tal-Banda Konti Ruġġieru li, ta' kull sena, kienet iġġib lis-sopran Hilda Mallia Tabone għall-kunċert bandistiku annwali tagħha, stqarr miegħi li jiftakar sewwa lil Hilda tgħid lis-surmast Vincenzo Ciappara (li kien is-surmast tal-Banda Konti Ruġġieru) li ser tibgħat minflokha lin-neputija Miriam Gauci għax hija kienet qed tħossha ma tiflaħx. Qalli li dik kienet l-aħħar dehra tagħha fil-każin għax mietet ftit wara.

Jien niftakarha sewwa tkanta mal-baned lokali flimkien mal-baxx Piju Zammit minn Ħal-Safi u anke mat-tenur Andrew Sapiano u kantanti operistiċi oħrajn. Jekk niftakar sewwa, l-ewwel impressjoni tiegħi għall-vuċi sabiħa tagħha kienet meta Hilda kantat l-innu l-kbir ta' George Martin f'ġieħ San Leonardu fil-pjazza ta' quddiem il-każin f'Ħal Kirkop. Kienet pjazza ppakkjata bin-nies u kulħadd iċċassat iħares lejha u jisma' l-vuċi qawwija u sabiħa tagħha. Ma ngħidilkomx kemm iddispjaċieni meta sibt li dawk ir-*recordings* li Hilda kienet għamlet mal-baned għar-*Rediffusion* (dak iż-żmien) tħassru. Tlifna tifkira dejjiema!

Komplejt insaħħaħ il-fehma tiegħi kemm din is-soprano Maltija kienet tajba meta kont viċin tagħha fl-ewwel rappreżentazzjoni tal-opra *I Martiri* ta' Carmelo Pace fit-Teatru Manoel fl-1967. Dakinhar, Hilda kellha waħda mill-partijiet prinċipali - il-Kontessa Graziulla Theuma Castelletti. Ma ninsa qatt l-interpretazzjoni tagħha fl-ewwel xena tal-aħħar att mat-tenur Andrew Sapiano b'dak ix-xenarju sabiħ ta' Emvin Cremona tal-Pjazza tal-Palazz. Jiena kont hemm. Illum il-ġurnata nemmen bis-sħiħ li s-Surmast Carmelo Pace kien jikteb apposta għall-vuċi tagħha.

Sentejn qabel din l-ewwel rappreżentazzjoni, Hilda Mallia Tabone kien ġa kellha esperjenza oħra fl-opra *Caterina Desguanez* tal-istess kompożitur u fl-istess Teatru Manoel. Dan kien fl-1965. L-aħħar opra li kantat ta' Carmelo Pace kienet *Angelica,* fl-1973.

Hilda Tabone twieldet il-Birgu, fl-20 ta' Settembru 1935. Il-ġenituri tagħha kienu wkoll iħobbu l-mużika. Fil-fatt, missierha kien idoqq il-vjolin waqt li ommha kienet tħobb l-opra u t-teatru. Minħabba l-mewt bikrija ta' missierha, Hilda ma segħetx tkompli tistudja għal spiżjar iżda saret tħobb il-kant u studjat il-mużika ma' Anton Muscat Azzopardi filwaqt li studjat il-vuċi mas-sopran Bice Ciappara. Inzertajt li jiena t-tnejn kont nafhom.

Lil Muscat Azzopardi kont nafu sewwa; surmast mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat għalkemm kellu baned oħra. Oħroġ il-għaġeb, kull persuna li għamlet isem fil-mużika f'pajjiżna u li kont nintervista, kollha kienu jgħidu li bdew ma' Anton Muscat Azzopardi. Muscat Azzopardi kien jgħallem il-mużika l-Liceo u kellu dan id-don speċjali li, b'mod sempliċi ħafna, kien jaf jgħallem sewwa l-mużika. Niftakar ukoll lil Bice Ciappara li, fil-bidu tal-karriera tiegħi fix-xandir, kienet iċċempilli jew jiena nċemplilha u tirrakkontali l-esperjenzi tagħha fit-Teatru Rjal. Baqgħet b'vuċi sabiħa sal-aħħar.

Hilda studjat ma' surmastrijiet oħra u ma' kantanti Taljani wkoll imma hija bdiet il-karriera tagħha fl-1951 meta kellha sittax-il sena u kien *Joseph Abela Scolaro* li ntroduċieha mal-pubbliku f'kunċert bandistiku tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Fil-fatt, Lino, it-tifel tas-Surmast Abela Scolaro, jiftakar sewwa lil Hilda d-dar tagħhom tgħaddi l-mużika mal-pjanu li kien idoqq missieru stess.

Hilda mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tal-pubbliku, tant li, minnufih, bdiet tieħu sehem f'kunċerti sponsorjati mir-*Rediffusion* tkanta ma' *M.C.I.* li kienu taħt id-direzzjoni ta' Carmelo Pace, tkanta ma' kważi l-baned kollha kif ukoll mal-banda tal-*Malta Band Clubs' Association* fir-*Radio City* l-Ħamrun. Kienet tieħu sehem ukoll f'kunċerti ta' karità.

Filwaqt li kont qed nikteb dan l-artiklu, sibt ukoll li, fl-1963, Hilda Mallia Tabone kantat il-parti ta' *Santuzza* fl-opra *Cavalleria Rusticana* ta' *Mascagni.* Sena qabel din ir-rappreżentazzjoni, jiġifieri fid-9 ta' Settembru, 1962, Hilda żżewġet lis-Sur Carmel Mallia li huwa espert tal-Esperanto. Dejjem kien ikun magħha fil-kant. Niftakar qisu lbieraħ meta n-nies bdew jgħidu li Hilda għandha tewmin u ser issemmihom Mario u John. Daqshekk ieħor niftakar meta n-nies qalu li mietet is-Soprano Hilda Mallia Tabone. Tlifna vuċi mill-isbaħ fil-fjur ta' ħajjitha. Jiena għandi xi *recordings* tagħha fl-opri ta' Carmelo Pace li verament ngħożż b'tifkira tal-vuċi tagħha.

# Nanniet

**ta' Vincent Piccinino**

Jien sirt nannu ta' ħamsa u ħamsin sena. Mhux qed nilmenta, tafux. Imma hawn min sar nannu t'erbgħin u anki t'inqas ukoll. Imma jien sirt nannu ta' ħamsa u ħamsin sena. Dan ifisser li l-pro-neputija tiegħi, Laura, is-sena l-oħra, saret *teenager*. Ifisser ukoll li, s'issa, diġa' ili xi erbatax-il sena norqod man-nanna!

Niftakar fin-nannu tiegħi. In-nannu Fredu, missier missieri, mhux in-nannu Kikku għax lin-nannu Kikku ma nafux jien għax dak miet meta kien għad kelli xi sentejn jew tliet snin. Waħda mill-ewwel affarijiet li sirt naf fuq in-nannu Fredu kienet li, fi żmienu, kien *champion* tal-*billiard* ta' Malta għax, kull meta kienu jistaqsuni x'jisimni u ngħidilhom Piccinino, iktarx iva milli le, kienu jgħiduli, "Allura Alfred Piccinino, li jilgħab il-*billiard*, jiġi minnek?" Jien niftakru markatur il-*Union Club*. Niftakar ukoll li kien dilettant irabbi l-għasafar għax, meta, b'aċċident, missieri laqat u waqqa' l-gaġġa u qatel il-kanarin tan-nanna Lużar, omm ommi, għandu kien mar biex ġabilha ieħor bħalu eżatt biex forsi ma tindunax li l-*Puzinojs* għażiż tagħha kien mar ikompli jgħanni mal-anġli tas-smewwiet. Imbagħad, iktar ma kbirt, tgħallimt ukoll li n-nannu Fredu ma kienx jixgħof, għax kien miżżewweġ darbtejn. L-ewwel mara tiegħu kienet in-nanna Karmena, omm missieri proprja, filwaqt li t-tieni mara tiegħu kienet in-nanna Mananni.

In-nanna Mananni u n-nannu Fredu kienu joqgħodu wara s-Suq; xi erba' bibien 'il fuq mill-Knisja tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-Belt u kienu Pawlini mill-kbar. Meta tidħol għandhom, ma stajtx ma tarax il-kwadru sabiħ ta' San Pawl fuq iż-żiemel, fi triqtu lejn Damasku, imdendel mal-ħajt bil-lampa tal-pitrolju dejjem tnemnem quddiemu. Naħseb li, meta kien ġuvni, missieri, li kien jismu Pawlu, kien Pawlin ukoll imma, meta żżewweġ lill-ommi u marru joqgħodu x-xaqliba l-oħra tal-Belt, mhux biss bidel il-Parroċċa imma qaleb l-alleanza wkoll. Missieri kien wieħed minn dawk li, għalih, sitta u sitta jagħmlu tnax u, għalhekk, ikunx Missierna l-Appostlu San Pawl jew ikunx Missierna l-Patrijarka San Duminku ma kinitx tagħmel xi differenza għalih; basta ma nibqgħux iltiema.

Fl-10 ta' Frar 2009, mort nara 'l ommi Dar Sant' Anna, l-Isla. F'ħin minnhom, għidtilha, "Bħal-lum ħamsa u ħamsin sena, patata l-forn kilna!" Ommi baqgħet tħares lejja, imbissma, donna riedet tgħidli, "Din xi ċajt'oħra minn tiegħek?" Imma, meta spjegajtilha kif niftakar, baqgħet mistagħġba għax, milli jidher, dak li kien ġara dakinhar, iktar baqa' stampat ġewwa moħħi milli kien impressjona lilha; forsi għax kont tifel



żgħir ta' tmien snin dak iż-żmien.

Nhar l-Erbgħa, 10 ta' Frar 1954, il-Festa tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl, kienet, kif għadha sal-lum, btala pubblika u festa kkmandata u, għalhekk, la missieri ma kien xogħol u lanqas aħna ma kellna skola. Dakinhar, ommi ħaslitna l-erba' l-kbar, libbsitna pulit u bagħtitna 'l barra ma' missieri waqt li hi baqgħet id-dar issajjar il-patata l-forn, l-ikla favorita tiegħi. Tlajna *Strada Rjali*, dħalna l-*King's Own*, missieri ħa xi tnejn ġnibru bil-*Kinnie* mill-bottegin tal-Każin imbagħad ħadna t-Teatru Manoel li, dak iż-żmien, kien iservi bħala ċinema, u rajna *film* dwar iċ-ċirklu jismu *The Big Top*.

Naturalment, meta morna lura d-dar u bdejna ngħidu fejn morna u kemm ħadna pjaċir, ommi, kontra n-natura tagħha, saret dimonju. Bdiet tgħajjat, tibki, tagħti fuq wiċċha u tiġġieled ma' missieri. Dak il-ħin ma fhimtx għala ħaditha daqshekk bi kbira imma, aktar tard, kelli nsir naf li ommi ppretendiet li missieri kien se joħodna sal-knisja, nisimgħu biċċa paneġierku u, wara, joħodna s'għand in-nanna Mananni u n-nannu Fredu. Imma missieri, li għalih sitta u sitta dejjem għamlu tnax, ħadna t-*talkies*! M'hemmx għalfejn ngħidu li ommi għamlet xenata u l-patata l-forn lanqas biss missitha. Forsi għalhekk ma ftakritx x'kilna ħamsa u ħamsin sena wara! U anki jien, għalkemm il-patata l-forn minn dejjem kienet l-ikla favorita tiegħi, dakinhar baqgħetli fuq l-istonku. Ma kontx imdorri nara lil missieri u lil ommi jitlewmu.

Waqt li d-dinja nbidlet ħafna mill-1954 'l hawn, ċerti affarijiet jibqgħu l-istess. Konna noqgħodu taħt San Duminku u minn dejjem konna Dumnikani kbar. Imma, meta żżewweġ, it-tifel tiegħi xtara dar fi Triq Sant' Ursola u mar joqgħod fiha; Parroċċa ta' San Pawl. Bidel il-paroċċa imma mhux l-alleanza. Meta l-Viċi daħal għandhom biex iberkilhom, fuq il-gradenza fil-kuritur, lemaħ l-istatwa antika ta' San Duminku li kienet taz-zija Ċensa, iz-zija tal-mara, bil-vazetti tal-fjuri friski u bix-xemgħa tixgħel quddiema. Il-Viċi gedwed xi talb minn taħt l-ilsien, ma naqasx li jsemmi lil kbir Appostlu tal-Ġnus, xerred l-ilma mbierek sa fuq il-gaġġa tal-kanarin, ħa l-*envelope* li newlitlu l-mara tat-tifel u ħareġ 'il barra diżappuntat biex ifittex nagħġiet oħrajn.

Fl-10 ta' Frar 2015, konna mistednin għall-ikel għand it-tifel. Malli dħalna, laqgħetna riħa

bnina ta' ikel Malti. "Aħ, x'riħa tfuħ!" għidt jien. "X'intom issajjru?"
"Patata l-forn," weġibni pront pront Luca, il-proneputi l-ieħor ta' tmien snin li l-patata l-forn hija l-ikla favorita tiegħu ukoll. "Tħobbha nann?" staqsieni waqt li mejjel rasu u wiċċu għamlu ma nafx kif.
"Iktar milli nħobb lilek!" għidtlu b'inkejja. Daħaqha! Tiskanta, avolja żgħir, jaf li kont qed niċċajta. Lanqas jekk jgħaddu ħamsa u ħamsin sen' oħra, għax qatt mhu ser ninsa x'kilt fl-10 ta' Frar 2015; anki jekk taqbadni d-*dimentzja*!



# Kelmtejn ma' Helen

# Perseveranza

**Helen Mallia**
*Kummisarju għall-Anzjani*

Kif aħna ħbieb? Nittama li tinsabu tajbin u li, b'dawn il-ftit ħsibijiet li se naqsam magħkom, inkunu nistgħu ngħaddu ftit tal-ħin pjaċevoli flimkien li, forsi, anki jservi ta' ġid, kemm għalina kif ukoll għal dawk ta' madwarna. Illum, ġietni f'rasi l-kelma perseveranza kelma twila oħra li, forsi, ma tantx nużawha fil-vokabularju tagħna ta' kuljum u ħsibt, bejni u bejn ruħi, li ta' min naraw din il-kelma xi tfisser eżatt u jekk it-tifsira tagħha aħniex nipprattikawha fil-ħajja tagħna. Għalhekk, l-ewwel m'għamilt kien li mmur infittixha fid-dizzjunarju. Sibt li din l-imbierka kelma, bejn wieħed u ieħor, tfisser hekk: tibqa' dejjem kostanti jew tkompli sal-aħħar fil-fehma tiegħek, fl-għemil jew fil-kors li tkun ħadt u ma titlaqx jew ma tbiddilx it-twemmin tiegħek.
Mela fil-fehma tiegħi, perseveranza tfisser li wieħed ikun sod daqs l-azzar f'dak kollu li jgħid, jew jagħmel jew jemmen fih u li, akkost ta' kollox jibqa' jsostnieh. Tbissimt ftit għax, f'qalbi għidt, mela ftit huma dawk in-nies li jipprattikawha l-perseveranza fil-ħajja tagħhom; daqskemm tiltaqa' ma' nies li jibdlu u jaqilbu l-fehma tagħhom skont ir-riħ minn fejn ikun qiegħed jonfoħ. X'taħsbu ħbieb? Naħseb li bħali tiltaqgħu ma' nies li kienu akkaniti kbar ta' xi ħaġa jew oħra u jiftaħru li huma arċi konvintissimi imbagħad, mal-ewwel ħaġa li ma togħġobhomx jew li ma jaqblux magħha jew, agħar minn hekk, jekk ma jkunux akkwistaw xi ħaġa li jkunu ppretendew, tarahom joħduha qatta bla ħabel kontra l-idolu tagħhom ta' qabel. U dan mhux fil-politika biss isir ta għax anki jekk ikun, pereżempju, sempliċi tim tal-futbol favorit tagħhom u li, għax forsi toħroġlu logħba ħażina, tarahom jaqalgħulu litanija ta' insulti li twaħħxek u *addio* l-fatt li min jaf kemm ikunu faħħruh u ġġieldu għalih fl-imgħoddi.
Nistgħu insemmu elf eżempju fejn il-bniedem jaġixxi bl-istess mod għax qisu li l-lealtà u l-imbierka perseveranza m'għadhomx moda llum. Però, skont il-fehma fqira tiegħi, l-agħar fost l-agħar huwa meta tisma' lil xi Malti jew lil xi Maltija jmaqdru jew jirredikolaw lil pajjiżna mal-barranin. Jaħasra, lanqas biss jindunaw li, barra li jkunu qiegħdin iżebilħu lil pajjiżhom, fl-istess ħin, ikunu qiegħdin ukoll jirredikolaw lilhom infushom stess. U sinċerament nittama li ħadd ma jieħu għalih.
Issa mmorru għaċ-ċajta tal-lum għax, kif jgħidu, il-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss! Karmenu u Rita, koppja avvanzata fiż-żmien, kienu ilhom miżżewġin għal aktar minn ħamsin sena u, bħal kull koppja oħra, reġgħu sfaw waħedhom wara li wliedhom ħadu l-istat tagħhom u ħallew il-bejta. Waranofsinhar, wara li jieklu xi ħaġa, kienu jintefgħu fuq is-sufan u, bejn nagħsa u oħra, jaraw it-*television*. Jum fost l-oħrajn, fuq it-*television* deher raġel u, fost ħafna ftaħir, beda jgħid li hu kellu d-don li jfejjaq lin-nies, anki minn fuq it-*television*. Waqt li beda jitlob, qal biex, kull min kellu xi problema f'saħħtu, ipoġġi id waħda fuq il-problema u l-oħra fuq it-*television* u hu jfejjaqhom. Rita, li kienet tbati mill-artrite, qamet minn fuq is-sufan u għamlet id waħda fuq it-*television* u l-oħra fuq spallitha. Karmenu wkoll qam minn postu, resaq lejn is-sett, għamel id waħda fuq it-*television* u l-oħra taħt żaqqu. Rita ħarset ħarsa lejh u, b'leħen ta' stmerrija qaltlu: "Isma' dan ifejjaq qal ta, mhux iqajjem il-mejtin!"
Saħħiet Ħbieb

# L-Irġulija

***Anthony Borg***
*1987*

Kemm kienet setgħana l-irġulija
meta jien, int, aħna
bil-ġlied konna rriduha!

"Għall-punt,
l-irġulija kollox,"
kienet fuq fomm kulħadd.

Imma llum mhux hekk.
Tkun makakk;
tkun ġakbin;
biżżejjed biex tasal fejn trid!



# Il-Mulej ma jinsa lil ħadd

## novella ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija

L-aħħar snin tas-seklu dsatax kienu ta' għaks u ta' ġuħ. Fil-Mediterran, il-paċi kienet issaltan u Malta, li dejjem rat il-ġid fi żminijiet ta' gwerer u nkwiet qrib tagħna, sabet ruħha mifnija bin-nuqqas ta' xogħol. Il-Gran Brittanja naqqset il-flotta tagħha mill-portijiet tagħna, dawk l-eluf ta' baħrin li, kull lejla, kienu jinżlu l-art għad-divertiment tagħhom naqsu bil-kbir u l-ħwienet tax-xorb u tax-xalar ħassew dan in-nuqqas. Xi wħud baqgħu miftuħin bit-tama li ż-żminijiet jerġgħu jinbidlu u r-rota terġa' ddur għax, wara l-maltemp, jitfaċċa l-bnazzi u, wara d-dalma tal-lejl, iżernaq sebħ mogħni bid-dija tax-xemx.

Is-Sinjura Luċija kienet toqgħod il-Belt. Kienet tgħix fil-faqar. Il-maħbub żewġha għamel għomru u żmienu ibaħħar fuq l-iskejjen. Kemm-il darba kienu qalulu biex jimbarka fuq xi vapur jew bastiment kbir, fejn il-ħlas kien wisq aħjar, imma hu kellu mħabba kbira lejn il-qlugħ u qatt ma ta widen għal dawn il-pariri. Fuq l-iskejjen, dejjem kien jiġi ta' wara l-kaptan. Darba waħda, l-iskuna li kien fuqha, sabet ruħha f'tempesta qalila u tfarrket mal-blat ta' waħda mill-gżejjer Griegi. Hu u sħabu sabu l-għarqa bla mistennija.



Lil Luċija ħalliha b'tifel ta' għaxar snin. Is-sidien tal-iskuna ħarġulha naqra ta' pensjoni miżera kieku imma, tqanċaċ kemm tqanċaċ, imqar issum Randan is-sena kollha, il-ftit flus li kienet tirċievu kull xahar qatt ma kienu biżżejjed. Il-mara ma kinitx minn dawk li tħobb toqgħod idha fuq żaqqha. Bdiet taħdem il-bizzilla imma, minħabba n-nuqqas ta' baħrin u suldati fit-toroq tal-Belt, il-bejgħ ixxotta ġmielu. Meta rat hekk, Luċija nxteħtet fuq il-ħjata u r-rota tal-ħajja bdiet iddur xi ftit aħjar. Kienet mara li kienet tapprezza t-tagħlim u, ġewwa darha, kont issib għadd ġmielu ta' kotba. Lil Salvinu tagħtu l-aħjar tagħlim li setgħet imma ma setgħetx tibgħatu fi skola ogħla minn dik primarja.

Iż-żmien baqa' għaddej u, matul l-ewwel snin tas-seklu għoxrin, in-nuqqas ta' xogħol baqa' jiżdied. Salvinu, minn tifel, issa kien sar ġuvnott; żgħażugħ ħabrieki li, meta fehem li ommu kienet tant tistinka biex jgħixu, xtaq li hu wkoll jagħti sehmu ħalli jtejjeb il-ħajja li kienu jgħixu. Salvinu ma baqax lura milli jfiehem lil ommu dak li kien iħoss u jaħseb. Fuq il-gradenza, kellhom bosta ritratti, fosthom wieħed ta' missieru liebes uniformi qisha ta' fizzjal. Kien hemm ukoll ritratt tal-iskuna li fuqha missieru kien sab l-għarqa. Kull darba li Luċija ratu jixħet ħarstu fuq dawk ir-ritratti, ma kinitx tonqos tgħidlu nofs ta' kelma biex tipprova tħassarlu kull ħsieb li seta' nibet f'moħħu biex jimbarka fuq xi skuna jew xi vapur. Salvinu kien jgħaddas rasu u ma jwieġeb xejn u ommu tgħidx kemm kienet tinkwieta li, xi darba, l-għażiż binha kien ser jimxi fuq il-passi ta' missieru.

Sakemm it-tifel kellu dawk it-tnax-il sena, Luċija kienet tieħdu magħha sas-suq. Hemm, kont issib għadd ta' karrozzini jistennew xi kirja u Luċija ndunat ukoll li binha kien iħobbhom ħafna ż-żwiemel. Kien iqatta ħafna ħin iħares lejhom u ma kienx jiddejjaq jersaq qribhom u jmellishom, anki jekk fosthom kien jinzerta jkun hemm xi wieħed niexef għuda u bil-kustilji mqabbżin. U l-omm kienet tosserva kollox b'iktar entużjażmu minn dak li kienet turi x'ħin kienet tarah iħares lejn ir-ritratti tal-baħar fuq il-gradenza. "Aħjar iħobb iż-żwiemel milli jitwebbel ibaħħar!" kienet tħobb tgħid fis-skiet ta' sidirha.

Bidla oħra li rat Luċija f'binha kienet sinjal taż-żmien għal Salvinu. Kien hemm tfajla, bint familja tajba, toqgħod ftit 'l isfel minn fejn kienu joqgħodu huma u l-omm, li kellha ħarsitha ta' seqer, malajr intebħet li binha kemm-il darba xeħet ħarstu lejha u mhux l-ewwel darba li ttanta jitbissmilha wkoll. Luċija ma rieditx wisq biex tinduna li binha kien ħa grazzja ma' dik ix-xbejba. Xejn ma ħaditha bi kbira. Salvinu issa kien kiber ġmielu u, li jinġibed lejn tfajla sbejħa, hija ħaġa naturali u parti mill-ħajja. Wara kollox, kienet tħobb tgħid, hi ma kinitx għal dejjem u, għada pitgħada, Salvinu ried jieħu l-istat tiegħu ukoll. B'dawn il-ħsibijiet ġo moħħha, Luċija iktar bdiet taħseb li kien wasal iż-żmien li Salvinu tagħha jsib xogħol addattat, anki biex jibda jgħin il-familja u huma jkunu jistgħu jgħixu aħjar.

Darba waħda saret taf li s-Sur Karm, negozjant li kien iforni l-ħwienet tal-merċa b'dak kollu li jkollhom bżonn, kien jeħtieġ sewwieq. Huwa kellu bosta karettuni miġbudin miż-żwiemel li bihom kien jieħu l-merkanzija mill-Marsa biex imbagħad titqassam fil-bosta ħwienet tal-Belt. Luċija kienet ċerta li binha kien ser jieħu pjaċir meta tgħidlu b'din l-opportunità ta' xogħol. Fuq kollox, iż-żwiemel kien iħobbhom ħafna wkoll. Luċija Marret għand is-Sur Karm u, bi kliem meqjuż, tagħtu t-tagħrif kollu meħtieġ fuq binha Salvinu. Is-Sur Karm deher sodisfatt imma qalilha li, naturalment, qabel joffrilu x-xogħol, huwa xtaq jara u jkellem lil binha.

L-għada stess, Salvinu mar ikellem lis-Sur Karm u, ta' żgħażugħ imrobbi tajjeb kif kien, mhux biss neħħa l-beritta malli daħal għandu imma sellimlu bi tbissima u bil-qalb ukoll. Is-Sur Karm impressjonia ruħu ferm kemm bid-dehra kif ukoll bl-imġieba tajba taż-żgħażugħ.

"Il-mamà qaltli li inti tħobb iż-żwiemel, hux?" qallu bi tbissima reċiproka s-Sur Karm. "Jekk hu hekk, allura m'għandix dubbju li x-xogħol li għandi għalik ser ikun għal qalbek.

"Nista' nistaqsi f'hiex jikkonsisti dan ix-xogħol, Sur Karm?" staqsa bil-ħerqa Salvinu.

"Li tieħu ħsieb wieħed mill-karettuni tiegħi," wieġbu n-negozjant. "tmur il-Marsa u tgħabbi l-merkanzija li tkun daħlet. Wara, tibda anki tqassam l-affarijiet lil tal-ħwienet skont dak li jkunu ordnaw. Tajjeb hekk?"

"U dan nibda nagħmlu minnufih, Sinjur?" reġa' staqsa Salvinu.

U le; ma tarax? L-ewwel tiġi mħarreġ ma' wieħed mill-irġiel li għandi miegħi u li ilhom jagħmlu dan ix-xogħol is-snin," kien pront serraħlu rasu s-Sur Karm.

"U meta nista' nibda?" reġa' ż-żgħażugħ ħerqan. "Fi żmien jumejn oħra nlestilek kollox," qallu n-negozjant, "u tkun tista' tibda."

"Wisq nibża," qallu ż-żgħażugħ, li, biż-żmien, ix-xogħol biż-żwiemel ser jonqos u dan ix-xogħol jibdew jagħmluh il-karozzi tan-nar," kompla Salvinu mħasseb.

"Minn daqshekk tista' sserraħ moħħok li ż-żiemel fadallu jsaltan fit-toroq għal bosta snin oħra," dlonk serraħlu rasu s-Sur Karm. "S'issa, f'Malta, l-għadd ta' karozzi tan-nar huma inqas mis-swaba t'idi l-waħda. Min għandu vettura bħal din? Safejn naf jien, hemm waħda nobbli li toqgħod l-Imdina li għandha waħda; hemm it-tabib li naf li għandu waħda wkoll. Kemm hawn? M'hawnx il-mijiet, tafx!"

"Il-preokkupazzjoni tiegħi qrajtha fil-kotba jien Sur Karm," qallu ż-żgħażugħ. "Min kiteb qal ukoll li d-dinja qed tinbidel u li aħna rridu ninbidlu magħha."

"Tassew ħadt pjaċir nitkellem miegħek ġuvnott," qallu s-Sur Karm. Imbagħad kompla jgħidlu: "Għall-ewwel, il-ħlas ma jkunx ta' offu imma, jekk Alla jrid, wara sitt xhur, jekk narak miexi tajjeb, inżidek ukoll. Tista' sserraħ moħħok li mhux ser inħallik tgorr minn daqshekk," temm jgħidlu n-negozjant.

Salvinu mar lura d-dar ferħan u, hemmhekk, irrakkonta lil ommu dak kollu li kien għadda bejnu u bejn is-Sur Karm. Ommu tgħidx kemm ħassitha ferħana li kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid u xi demgħa ma naqsitx ukoll għax, meta l-ferħ jiġi fuqna għall-għarrieda, jaf inissel id-dmugħ ukoll.

Meta Salvinu qabad l-ewwel paga, tnax-il xelin, huwa baqa' sejjer dritt bihom għand ommu. Luċija żammet nofs lira minnhom u tat żewġ xelini lil binha.

"Dawn għalfejn ma?" staqsa t-twajjeb Salvinu.
"Dawk biex, jekk tkun barra u jfettillek tidħol f'ħanut tieħu kikkra kafè jew tixtri biċċa ċikkulata, ikollok xi ftit tal-flus fil-but," weġbitu ommu ferħana se ttir.

U, flimkien ma' ommu, ferħet ukoll Ċettina,dik it-tfajla gustuża li Salvinu tant ħassu jinġibed lejha. Wara l-quddiesa tal-Ħadd, għal ħin qasir, iż-żgħażugħ kien jinfired daqsxejn minn ommu biex imur ikellimha. Luċija ma kienet tgħid xejn anzi, kienet kuntenta tara lil binha hekk. Kienet ilha x-xhur titlob lil Alla biex Salvinu tagħha jsib xogħol fuq l-art, bħalma sab; li ma jmurx imurilha fuq il-baħar u jispiċċa bħal missieru. Kull ħin u kull mument, kienet tirringrazzja lill-Mulej talli kien sema' t-talb imqanqal tagħha. Min jitlob, jaqla' u min iħabbat, jiftħulu!

# Xjuħija

## Poeżija ta' Karmenu Mallia minn Ħaż Żabbar

Xjuħija
sbuħija
fil-pilloli
toqol fl-għekiesi
żmien melliesi.
Fejnek Akille?
Saqajja
għalkemm bla tbajja'
għajjew.
Hekk sew?
Ingerger minn filgħodu
ingerger waqt il-brodu
ingerger filgħaxija.
Ummi ma! Bla bqija
se nisfa wara ħlasijiet
ta' ħajja li għaddiet
qisni bla naf
li jien għaddejt b'għanjiet iduru miegħi,
ma' rasi, ma' driegħi.
Xi qżież!
Le, għeżież tiegħi.
Emmnuni, ejjew miegħi
u taraw jekk iniex sinċier.
Hemm hu, intefa tal-knisja l-lampier.

# It-tewmin

## Novella ta'Lina Brockdorff



Bilkemm kien għadu twieled Ġannbattista Demicoli li ommu, is-Sinjura Mariros ma ddeċidietx li, la jikber dak l-ewwel wild tagħha, riedet tarah xi ħaġa mlaħħqa fil-knisja. Ibda biex, jilħaq saċerdot; dik tkun l-ewwel tarġa u, wara, forsi kappillan u, min jaf? Fil-familja kellha wkoll fir-razza d-dritt għall-kanonikat. Jekk hemm bżonn, tibda tiġri għand xi nutar biex ikollha moħħha mistrieħ għall-ġejjieni ta' binha; xtaqet kollox fis-sod. Is-sabiħa hi li Mariros kellha din il-fissazzjoni fuq Ġannbattista biss, l-ewwel wieħed, meta warajh kien hemm tliet subien oħra: Ġannrico, Ġannfranco u Ġannmarì. Ġannbattista kiber, sar abbati, kompla jistudja u, saħansitra, daħal is-Seminarju. Ommu ħassitha fis-seba' sema. Bdiet tara l-ħolma tagħha sseħħ. Imma ġara li, wara ftit xhur, ħass li dik ma kinitx is-sejħa għalih; marritlu l-ħajra. Fuq kollox, mhux hu kien għażel dik it-triq imma ommu. Trid tara x'għamlet Mariros! Kien ser jagħtiha attakk f'qalbha bl-aħbar. Dak twerżieq! Dak għajjat! Ħalfet li, ladarba binha ma riedx isir saċerdot, kienet biħsiebha tagħmel minn kollox biex ma tħalliħx jiżżewweġ. Kellha tliet subien oħra imma laħqet waħħlet f'rasha li Ġannbattista jsir saċerdot u ħadd aktar.
Għal kuntrarju, Ġannbattista ma damx ma tefa' għajnejh fuq tfajla jisimha Liża, mir-raħal stess. Ommu ppruvat tħassarlu b'kull mezz li sabet. Liża kienet tifla fqira, tista' tgħid, bla skola ta' xejn għax bilkemm spiċċat il-ħames klassi elementari. Ma' dik ħa grazzja? X'ralha? Qisha ċassa! Mariros bdiet il-wegħdiet ma' kemm-il qaddis kienet taf bih imma, għal xi raġuni, qisu ħadd ma ried jikkuntentaha.
Intant, tiegħu għaddiet. Liża u Ġannbattista sabu naqra ta' dar, irranġawha u, fi ftit xhur, iżżewġu. Bilkemm laħqu għaddew sitt xhur li ma xterditx l-aħbar li dik il-koppja qed jistennew tarbija. Kulħadd feraħ, anki n-nanna Mariros, għalkemm baqgħet dejjem biċ-ċiera magħhom.
Erħila kull daħla u ħarġa għand il-koppja żgħażugħa tissuġġerilhom ismijiet għat-tarbija li kienet ġejja. Kellha listi twal, kemm għal tifla kif ukoll għal tifel. Tant dejqithom li, fl-aħħar, binha qalilha biex tieqaf għax ħaditilhom rashom. Ħadet ftit għaliha u għamlet xi tlett ijiem ma tersaqx 'l hemm. Kieku xtaquha li ddum aktar imma, mid-dehra, tlitt ijem kienu biżżejjed biex jgħaddilha.
Sadattant, il-koppja bdew huma wkoll jaħsbu għal xi isem; isem li żgur qatt ma semgħuh fuq il-listi li ġġib magħha n-nanna Mariros. Liża moħħha biex issib isem li, jekk jista' jkun, ma jitqassarx waqt li Ġannbattista beda ħiereġ b'ismijiet tal-Mitoloġija Griega. Ismijiet bħal Pandora, Apollo, Ercole, Venus u Dionisju li, lil martu, ma kienu jdoqqulha xejn. Liża qatt qabel ma kienet biss semgħet bil-kelma mitoloġija. Tgħidx kemm damet biex ilsienha beda jdur għal dik il-kelma li, sadattant, kienet tirreferi għaliha bħala geġwiġija u ħalli għal Ġannbattista biex jitmasħan. U, fuq kollox, kienu għadhom ma jafux jekk hux ser ikollhom tifel jew inkella tifla.
"Imma x'inhi din il-fissazzjoni tiegħek, Liż, li ma tridx isem li jitqassar?"
"Għax jista' jiġri li isem, ikun sabiħ kemm ikun sabiħ, meta jitqassar jiġi jinstema' bla sens, meta ma jkunx għal kollox vulgari wkoll!"
"Imma minn fejn iġġibhom int?"
"Ara, ħalli ngħidlek, Ġann. Taf li warajna joqogħdu dawk ta' Axiaq. Il-kbir jismu Sebastjan. Taf x'issejjaħlu ommu fil-qasir?"
"Jaqaw?"
"Issejjaħlu Bass! Inti trid li jkollok lil ibnek il-kbir imsejjaħ hekk?"
"Imma dak isem mhux tas-soltu. Insieh u toqgħodx thewden fuqu. Inwiegħdek li ma nsemmuhx Sebastjan."
Kif għalqet il-ħames xahar tat-tqala, marret l-isptar għall-vista u tgħidx kif iċċassat meta t-tabib qalilha li ser ikollha tewmin u mhux tarbija waħda! U dawn it-tnejn subien! Issa bdew jieħdu l-affari tal-ismijiet aktar bis-serjetà. Tant ħaduha bis-serjetà li, fuq il-komodina fejn rashom, kellhom karta bil-lista tal-ismijiet tas-subien.
Filli jippruvaw jagħżlu isem famuż mill-istorja ta' Malta u filli Liża tiffissa li tixtieq żewġ ismijiet mill-Bibbja; saħansitra, xi drabi waslet biex, f'nofs ta' lejl, tqajjem lil żewġha għax ikun ġiha f'moħħha xi isem addatat. Ħin minnhom, Ġannbattista beda jaħseb dwar ismijiet mid-dinja tal-mużika u l-opri, qasam li fih Liża ma kienet tifhem assolutament xejn. Għax issa l-istorja ikkumplikat ruħha. Mhux talli jridu jsibu żewġ ismijiet sbieħ, imma dawn l-ismijiet iridu qishom jaqblu u jmorru flimkien. Ngħidu aħna, m'intix ser issemmi wieħed Virġilju u l-ieħor Injazju għax xejn ma jdoqqu flimkien.
Liża kienet igguffat ġmielha tant li, meta għalqet it-tmien xahar, waħħlitha f'rasha li ma toħroġx aktar mill-għatba 'l barra. L-ewwel skuża jew, aħjar, raġuni serja biex tibqa' ġewwa kien il-fatt li bilkemm kellha x'tilbes għax kull bluża bdiet tiġiha ssikkata u ma xtaqitx tagħmel aktar ilbiesi għal ftit jiem li kien fadlilha qabel twelled. Ix-xiri kien jagħmlu kollu żewġha, inkella in-nanna. Dan fisser li Liża rari kienet tasal sal-knisja jekk ma tmurx għal tal-ewwel meta jkun għadu d-dlam. U, meta ma tħossiex f'sikkitha,

lanqas il-quddiesa tal-Ħadd u l-festi ma kienet tmur.
Il-kappillan, Dun Marju, kien jirrispettahom ħafna lil Ġannbattista u lil Liża. Kien waħħalha f'rasu li xi darba jmur iżurhom ħalli jagħmel ftit kuraġġ lil Liża. Mela, lejla minnhom ċemplet il-qampiena tal-bieb ta' barra u Ġannbattista mar jgħaġġel biex jiftaħ. Min seta' nqala' dak il-ħin, żgur li ma kinitx ommu għax dik kienet taqbad u tidħol mingħajr ebda ċerimonji. Ħalli għaliha! Ma skantax bi ftit Ġannbattista meta, kif fetaħ



l-antiporta, isib lill-kappillan ma' wiċċu.
"Ara! Għaddi Sur Kappillan, għaddi."
"Ser ngħaddi jien. Skużawni ma ġejtx qabel imma taf kemm ili moħħi fikom, dejjem inwiegħed lili nnifsi li nasal s'hawn u qatt ma jirnexxili."
Sadattant, malli Liża semgħet leħnu, ħarġet mill-kċina biex tkompli miegħu hija wkoll. Offrewlu kikkra kafè u żewġ ottijiet u hu ma qalx le. Fl-istess ħin, qalilhom li ma xtaqx idum wisq hemm għax kellu xi parruċċani b'salt problemi qed jistennewh fl-uffiċċju tiegħu.
"U skużawni li ġejt hawn b'dis-suttana kollha trab għax għalija qatt ma nsib minuta waħda. Ara, ġejt dritt mil-każin taż-żgħażagħ għax kont qed ngħinhom iwaħħlu kartellun kbir għal film ta' nhar il-Ħadd li ġej."
"Jaqaw? Dan xi film speċjali?" staqsiet Liża.
"U żgur! Dan film tad-daħk mill-bidu sal-aħħar, film ta' *Laurel and Hardy!"*
Bilkemm laħaq spiċċa dik is-sentenza li Liża u Ġannbattista ma ħarsux lejn xulxin bi tbissima u b'għajnejhom miftuħin beraħ. It-tnejn lissnu flimkien: "Laurel u Hardy! Grazzi Sur Kappillan. Kieku taf kemm ilna biex insibu żewġ ismijiet sbieħ bħal dawn!"

# Il-ħaddiema tal-kostruzzjoni u ż-żiemel

### Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż-Żebbuġ

Nistħajjilkom tgħidu, din biex ġejja dalgħodu? X'għandhom x'jaqsmu l-ħaddiema tal-kostruzzjoni u ż-żiemel? U x'żiemel hu? Imma jien hekk; inħobb nagħti titlu li jqanqal il-kurżità. Mela, f'nofs Awwissu li għadda, kelli laqgħa importanti in-naħa t'isfel ta' Malta u, għalkemm din il-laqgħa kienet filgħodu, ħadet aktar ħin milli kont ħsibt u, fi ftit kliem, sibt ruħi ġejja lura d-dar kważi fis-sagħtejn ta' waranofsinhar. Wasalt ħdejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata meta qalbu t-traffic lights. M'hemmx x'tagħmel; kelli nieqaf, ovvjament. Bilqiegħda komda, wara l-isteering, għall-frisk tal-arja kondizzjonata flimkien ma' ftit mużika għaddejja baxx baxx mis-CD tal-karozza. Għal dawk il-ftit mumenti ma gergirtx imma, f'dak il-ħin, għajnejja waqgħu fuq il-ħaddiema li qed jaħdmu fuq dak il-proġett tant essenzjali għal pajjiżna f'dik il-qilla tax-xemx.
Kos hux, għidt f'qalbi. Ftit ilu, fl-istess inħawi u kważi fl-istess ħinijiet ta' waranofsinhar, żiemel li nzerta wkoll kien fuq xogħlu waqa' u miet għax ma felaħx aktar. Malta kollha tħassritu u bir-raġun. Veru, itik li tgħid, aħseb u ara l-bniedem! Imma jien m'għidtx hekk għax it-tnejn ħolqien t'Alla. Li rriflettejt dak il-ħin kien li, jekk miniex sejra żball, wara dan l-inċident, kienu bdew xi diskussjonijiet mas-sidien taż-żwiemel bl-iskop li, bejn, ngħidu aħna, nofsinhar u t-tlieta u nofs, f'nofs dik il-qilla tax-xemx, is-sidien tal-karrozzini ma joħorġux iż-żwiemel tagħhom. Għax, ħafna drabi, aħna hekk nagħmlu; l-ewwel isir xi inċident sfortunat imbagħad wara nieħdu azzjoni.
Ma nafx fejn waslu llum dawn it-trattattivi imma l-punt mhux dak. Jekk lesti nagħmlu hekk għall-annimali; u sewwa nagħmlu; kemm għandna iktar nagħmlu l-istess għall-bnedmin? Anzi, dan l-aħħar, qed nosserva li, sa fl-aħħar, qegħdin naġixxu kif jagħmlu barra minn Malta u qed nirrealiżżaw li ċerti xogħlijiet ta' importanza nistgħu nagħmluhom anki billejl. Jekk trid, tista' tiftaħ polemika oħra billi tgħid li l-lejl qiegħed biex wieħed jistrieħ u mhux biex jaħdem. Imma, kif nafu lkoll, diġà hawn ħafna jaħdmu billejl. Allura, ngħid jien, ma jkunx aħjar jekk, jekk dawk it-tliet sigħat fil-qalja tax-xemx, ħaddiema bħal dawn jaħdmuhom iktar tard filgħaxija? Kemm ibatu, imsieken! Mhux ta' b'xejn li, illum, lil uliedna kulħadd jixtieqhom javvanzaw fit-tagħlim tal-iskola ħalli jispiċċaw illawrjati mill-Università biex isibu xogħol komdu bilqiegħda wara skrivanija f'xi uffiċċju imkessaħ bl-arja kkondizzjonata flimkien ma' ftit mużika ħelwa għaddejja baxx baxx minn CD; biex ma jbatux! Forsi għalhekk qed naraw ħafna barranin jagħmlu dan ix-xogħol. U l-mistoqsija tiġi waħedha. Imma, allura, dawn mhux bnedmin ukoll?
X'inhu jiġri? F'daqqa waħda, flok il-mużika tas-CD, smajt sinfonija irrabjata ta' ħornijiet u xi kelma mhux flokha ma naqsitx. Ħasduni għax lanqas kont indunajt li t-traffic lights rerġgħu qalbu fuq l-aħdar.



# TISLIBA Nru.93

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Sewwed qalb (6)
5. Dehra; Tendenza (6)
10. *Ria Money Transfer* (1.1.1.)
12. 800 Gramm (5)
14. L-Art tagħna (5)
15. Umbrelel – Fungi li mal-mess jaħarqu (4)
16. Nofs l-att! (2)
17. Xiri ta' biljett mhux aktar minn ħames numri (5)
19. Mikdudin (5)
22. A la nibet pjuttost hu l-isem ta' għaqda ta' Misilmin ġellieda! (8)
24. Bastjun (3)
25. Astiena mhux sal-aħħar?! (6)
28. Kien imbassar; Ntmess (5)
31. Tjubija; Sinċerità (5)
33. Mxierek fi fratellanza (7)
35. Hekk ikun (5)
37 Bin missieri (2)
38. Isem ta' xmara taljana (6)
39. Pajp (5)

**Weqfin:**
2. Żebagħ bl-inkjostru (5)
3. Ħa bi qbiela (4)
4. Akkordju; Qbil bejn nazzjonijiet (7)
6. Barmil (5)
7. Munzell (6)
8. Sargu xiħ jinqabad b'... jinten! (6)
9. Dawn jintlibsu minn min isajjar (6)
11. *Irish Republican Army* (1.1.1.)
13. Xitla b'weraq bil-ponta jnigges b'forma ta' mrewħa (7)
18. Self bi ħlas; Qbiela (4)
20. Titlu tat-tlugħ tal-Madonna fis-Sema (7)
21. Frott iswed li jtabba' ħafna (3)
23. Bandiera zgħira miżmuma fl-idejn f'purċissjoni (9)
26. Isem tal-imperatur li ordna biex tinħaraq Ruma (6)
27. Gerrex; Ħarrab (6)
29. Mluħa (6)
30. Reżidenzjali (6)
32. Driegħ bl-Ingliż (3)
34. Kien konvint (5)
36. Ftehemna (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 92 intrebaħ mis-Sin. J. Aquilina - Birkirkara **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 92**
**Mimdudin:** 1 skurat, 5 zbalja, 10 mea, 12 użura, 14 armel, 15 uman, 16 pm, 17 arblu, 19 inter, 22 luterani, 24 iva, 25 bramel, 28 żatat, 31 ittri, 33 ballata, 35 randa, 37 us, 38 berred u 39 minur.
**Weqfin:** 2 kanta, 3 rima, 4 trammil , 6 bruda, 7 aċidu, 8 kanuni, 9 mulett, 11 erp, 13 abbinat, 18 bram, 20 tiratur, 21 eva, 23 riżultati, 26 lanġas, 27 żebbuġ, 29 trawma, 30 miżieb, 32 inn, 34 anġlu u 36 dud.





# L-Anzjani fil-Bibbja

### Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
### President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Noè**, dak tal-famuża arka, nistgħu ngħidu li diġà kien anzjan meta bena din l-arka. Meta daħal fiha, kellu 600 sena u miet ta' 950 sena. Mela, kien ġa wasal għal kważi żewġ terzi ta' ħajtu meta beda d-dilluvju. Barra minn hekk, insibu li miegħu ġol-arka, minbarra mill-annimali, daħħal ukoll lil martu, lit-tliet uliedu, Sem, Ħam u Ġafet u lin-nisa tagħhom u, wara li għaddiet xi sena mill-bidu tad-dilluvju u Noè ħareġ mill-arka, Noè ma kellux tfal iżjed.

Lil Noè nistgħu narawh bħala bniedem ta' fidi kbira. Ma ddubita xejn meta Alla qallu biex jibni l-arka u obda mingħajr tlaqliq. Irrid nimmaġina kemm għaddewh biż-żuffjett in-nies ta' dak iż-żmien, jaraw dan ix-xiħ jibni vapur 'il bogħod mill-baħar. Probabbli ħasbuh miġnun jew, jekk dak iż-zmien kienet diġà teżisti, ħasbuh xiħ żmagat. Imma hu, minkejja dan kollu, baqa' jirsisti biex jobdi lil Alla li kellu fiduċja għamja fiH. U ma rridux ninsew lill-familja tiegħu li, għad li l-Bibbja ma ssemmi xejn minn dan, irridu naħsbu li appoġġjawh f'kulma għamel.

Għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu ħafna nies, hu ma daħħalx miegħu ġol-arka biss koppja minn kull annimal li kien jeżisti imma minn ċerti annimali daħħal seba' pari. Insibu fil-Ġenesi kapitlu 7 versi 2 u 3 li Alla qal lil Noè, "Mill-bhejjem kollha safjin, daħħal miegħek seba' pari, kull par ir-raġel u l-mara tiegħu. U, mill-bhejjem li mhumiex safjin, par wieħed, ir-raġel u l-mara. U, mit-tjur tal-ajru wkoll, daħħal seba' pari, kull par ir-raġel u l-mara, biex jibqa' nisel fuq l-art kollha". Dwar liema huma l-bhejjem safjin u liema mhumiex insibu spjega fil-ktieb tal-Levitiku kapitlu 11 versi minn 1 sa 47. Fi ftit kliem, dawk safjin huma dawk bid-dwiefer maqsuma u jixtarru, bħall-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż, kif ukoll it-tjur u l-ħut. Dawk mhux safjin huma dawk li jitkaxkru mal-art u dawk li jew m'għandhomx id-dwiefer maqsuma jew ma jixtarrux bħall-wiża', is-sriep u l-ħnieżer.

Kważi kulħadd jaf, ftit jew wisq, dwar l-istorja tal-arka imma, forsi, mhux kulħadd jaf li, fuq Noè, hemm aktar stejjer fil-Bibbja u li, tnejn minn dawn, żgur li ġraw meta kien anzjan għax ġraw wara li ħareġ mill-arka.



Storja ħelwa li nsibu dwar Noè u d-dilluvju hija dik tal-qawsalla. Skont il-Bibbja, din inħolqot minn Alla wara d-dilluvju u kienet sinjal tal-patt li Alla għamel ma' Noè, ma' niesu u mal-ħlejjaq kollha li qatt iżjed ma jgħarraq id-dinja kollha. Urieh qaws kollu kuluri fis-sema u qallu li dan jibda jidher kull meta tagħmel ix-xita biex kulħadd jiftakar f'dan il-patt. Minn hemm ġej l-isem ta' dak l-ark, jew qaws, sabiħ u kulurit li naraw ta' spiss fis-sema meta tagħmel ix-xita; qawsalla, jiġifieri, il-qaws ta' Alla.

Storja oħra tgħid li, wara li ħarġu mill-arka u bdew jgħixu l-ħajja normali, Noè beda jagħżaq l-art u jħawwel fiha. Fost l-affarijiet li ħawwel, kien hemm id-dielja u, meta ra l-għeneb, għoġbu u, barra milli kielu, beda jagħsru wkoll. Dan iffermenta u sar inbid u Noè xorob minnu u sabu tajjeb u baqa' jixrob sakemm siker. Mitluf fis-sakra, naża' ħwejġu minn fuqu u nxteħet fl-art għeri, mitluf fin-nagħsa tas-sakra. Hekk sabu ibnu Ħam u beda jiddieħaq bih u mhux biss, talli mar jgħajjat lil ħutu biex ikunu jistgħu jidħqu b'missierhom huma wkoll. Imma dawn mhux talli ma' daħqux bih, talli għattewh u ċanfru lil ħuhom talli kien iddieħaq b'missierhom. Meta Noè għaddietlu s-sakra, sar jaf x'kien ġara. Hu seħet lil Ħam u bierek lil Sem u Ġafet.

Minn din l-istorja, minbarra li naraw li, skont il-Bibbja, kien Noè li vvinta l-inbid, anki jekk b'kumbinazzjoni, naraw ukoll kemm kien miżmum fil-għoli r-rispett lejn l-anzjani u, speċjalment, lejn il-ġenituri.



*8 ta' Marzu Jum il-Mara*

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jawgura lin-Nisa kollha fil-Jum iddedikat għalihom ta' JUM IL-MARA**

# Premju Anzjanità Attiva 2018

**Is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, Anthony Agius Decelis, taħt il-patronċinju tal-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, ppreżentaw il-Premju Anzjanità Attiva 2018.**



Photo: DOI - Pierre Sammut

Dan il-premju jirrikonnoxxi lill-anzjani li huma attivi f'bosta oqsma fil-komunità u anka dawk li jaħdmu bi sħiħ sabiex ikollna aktar anzjanità attiva fis-soċjetà Maltija. Apparti hekk, dan il-Premju prestiġjuż qiegħed jingħata f'kuntest ta' Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva 2014 – 2020, li tistrieħ fuq tliet temi ewlenin: parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol, parteċipazzjoni fis-soċjetà, u għixien indipendenti.

L-Eċċelenza Tagħha saħqet li għandna nimbuttaw iktar l-valur importanti li aħna nagħtu lill-anzjani, biex kull persuna tagħti l-istess valur importanti lill-anzjani fis-soċjetà tagħna. Hija kompliet ittenni li għandna bżonn li l-anzjani jibqgħu jwasslu l-valuri ta' solidarjetà u ġenerożità, li dejjem kienu l-pilastri tal-Ġens Malti.

L-Onor. Agius Decelis stqarr din hija opportunità biex nuru l-apprezzament lill-Anzjani li huma impenjati fl-oqsma varji relatati mal-Politika Strateġika għall-Anzjanità Attiva 2014 – 2020 u li jħallu impatt pożittiv b'dan l-impenn. Huwa ħeġġeġ li l-anzjani jibqgħu jagħmlu l-affarijiet li jtuhom sodisfazzjon, jibqgħu jagħmlu eżercizzju fiżiku, jibqgħu jitbissmu u jbissmu lil ħaddieħor, jibqgħu jaqsmu l-għarfien u l-memorji tagħhom ma' ħaddieħor, u jibqgħu jaqsmu l-ideat tagħhom ma' persuni minn ġenerazzjonijiet oħrajn.

Fil-messaġġ tiegħu, il-Professur Carmelo Borg, li mexxa l-bord tal-għazla, għaraf li hemm konnessjoni bejn iċ-ċittadinanza attiva u l-anzjanità attiva, għaliex bosta rebbieħa ta' dawn il-premji kellhom ħajja mimlija u attiva.

**Ir-rebbieħa ta' Premju Anzjanità Attiva 2018 huma:**
**Premju Koppja Miżżewġa: Luciano u Maryanne Vassallo**
**Premju Anzjanità Akkademika: Is-Sur Massimiliano Farrugia**
**Premju Anzjanità Sportiva: Is-Sur Amand P Veranneman**
**Premju Mudell Ideali: Is-Sinjura Speranza Xuereb**
**Premju Anzjanità Kulturali: Is-Sinjura Francoise Tempra**
**Premju Proġetti Anzjanità Attiva: Is-Sinjura Mary Gauci**
**Premju Life-Time Achievement: Fr Hilary Tagliaferro**
**Premju Anzjanità Attiva: Is-Sur Philip Chircop**

L-Onor. Agius Decelis irringrazzja b'mod speċjali lil bord tal-għazla li hu mmexxi mill-Professur Carmel Borg, u kompost minn: Alex Gobey, Ronald Zaffarese, u Narcy Kalamatta; u lit-tim tas-Segretarjat Parlamentari, lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, is-Sur Patrick Vella, u Kap Eżekuttiv ta' San Vinċenz De Paul, Dr Josianne Cutajar, li flimkien jaħdmu kontinwament sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jibqgħu jirċievu servizzi fil-komunità u anka residenzjali li jtejbu l-inklusjoni soċjali u l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

